ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali L 348

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

31 ta' Diċembru 2007

Werrej I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Shubija Ekonomika** 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1529/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li tiftaħ u tipprovdi għall-ġestjoni, għas-snin 2008 u 2009, ta' kwoti għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Istati AKP li huma parti mir-reġjun CARIFORUM u mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT)** . . . 155

Prezz: 30 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1528/2007

tal-20 ta' Diċembru 2007

li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea (KE) u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [1] (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE") jistipula li Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FPEs) għandhom jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008.

(2) Il-Ftehim AKP-KE jistipula ż-żamma ta' l-arranġamenti kummerċjali li jinsabu fl-Anness V ta' dan il-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2007.

(3) Mill-2002 lil hawn il-Komunità ilha tinnegozja Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Grupp ta' Stati AKP taħt forma ta' sitt reġjuni li jinkludu l-Karibew, l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika t'Isfel, l-Istati Għejjer tal-Paċifiku, il-Komunità ta' l-Iżvilupp ta' l-Afrika t'Isfel u l-Afrika tal-Punent. Tali Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ser ikunu konsistenti ma' l- obbligi tad-WTO, jappoġġaw l-integrazzjoni reġjonali u jippromwovu l-integrazzjoni gradwali ta' l-ekonomiji ta' l-AKP fis-sistema ta' kummerċ dinji bbażata fuq regoli, u b'hekk irawmu l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u jikkontribwixxu għall-isforz ġenerali biex jiġi eliminat il-faqar u biex jittejbu l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fil-pajjiżi ta' l-AKP. Fl-ewwel stadju, in-negozjati jistgħu jiġu konklużi fuq ftehim li jwasslu biex jiġu stabbiliti Ftehim ta' Sħubija Ekonomika li jkopru ta' l-inqas arranġamenti dwar merkanzija kompatibbli mad-WTO, li għandhom ikunu kumplementati mill-aktar fis possibbli minn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika kompluti, konsistenti ma' proċessi reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika u politika.

(4) Dawn l-arranġamenti li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika li dwarhom ġew konklużi negozjati jistipulaw li l-partijiet jistgħu jieħdu miżuri biex japplikaw il-ftehim, qabel l-applikazzjoni proviżorja fuq bażi reċiproka, sa fejn huwa fattibbli. Huwa xieraq li tittieħed azzjoni biex jiġu applikati l-ftehim fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(5) L-arranġamenti inklużi f'dan ir-Regolament iridu jiġu emendati, kif meħtieġ, skond il-ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, kif u meta dawn il-ftehim jiġu ffirmati u konklużi skond l-Artikolu 300 tat-Trattat u jiġu fis-seħħ. L-arranġamenti jridu jintemmu fis-sħiħ jew f'parti minnhom jekk il-ftehim ikkonċernati ma jidħlux fis-seħħ f'perjodu ta' żmien raġonevoli bi qbil mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif emendat bil-Ftehim tat-22 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

(6) Għal importazzjoni fil-Komunità, l-arranġamenti fil-ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika għandhom jipprovdu għal aċċess ħieles mid-dazju u mill-kwoti ta' rati tariffarji għall-prodotti kollha għajr għal armi. Dawn l-arranġamenti jkunu soġġetti għal perjodi tranżizzjonali u arranġamenti għal ċerti prodotti sensittivi, arranġamenti speċifiċi għad-Dipartimenti Franċiżi extra-ewropej. Fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-qagħda ta' l-Afrika t'Isfel, il-prodotti li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra(TDCA) ([1]), sal-mument li fih ftehim li jistabbilixxi, jew li jwassal biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika jidħol fis-seħħ bejn il-Komunità u l-Afrika t'Isfel.

(7) Minflok li wieħed iserraħ fuq l-arranġamenti speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati previsti fir-Regolament (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ([2]), huwa aħjar li dawn il-pajjiżi l-anqas żviluppati li huma wkoll Stati ta' l-AKP jibbażaw ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom tal-ġejjieni mal-Komunità fuq Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-iżvilupp, huwa xieraq li jiġi pprovdut li dawn il-pajjiżi li kkonkludew negozjati fuq ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, u li jistgħu jibbenefikaw mill-arranġamenti previsti taħt dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jibbenefikaw, għal perjodu ta' żmien limitat, mill-arranġamenti speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati fir-Regolament (KE) Nru 980/2005 fir-rigward ta' dawk il-prodotti fejn l-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament huma anqas favorevoli.

(8) Ir-regoli ta' oriġini applikabbli għall-importazzjonijiet magħmula taħt dan ir-Regolament għal perjodu tranżizzjonali għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli ta' oriġini għandhom jiġu sostitwiti b' dawk annessi ma' ftehim mar-reġjuni jew stati mniżżla fl-Anness I meta dak il-ftehim ikun applikaz provviżorjament jew jidħol fis-seħħ skond liem jiġi l-ewwel.

(9) Jeħtieġ li jiġi pprovdut għall-possibbiltà li jiġu sospiżi l-arranġamenti stabbiliti f'dan ir-Regolament f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva, irregolaritajiet jew frodi. Meta Stat Membru jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' frodi jew nuqqas ta' forniment ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandha tapplika l-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar l-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u kooperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi fir-rigward ta' kwistjonijiet doganali u agrikoli ([3]).

(10) Huwa xieraq li dan ir-Regolament jipprovdi għal arranġamenti ta' tranżizzjoni għaz-zokkor u r-ross, flimkien ma' mekkaniżmi speċjali ta' tranżizzjoni għas-salvagwardja u s-sorveljanza applikabbli wara li jintemmu l-arranġamenti ta' tranżizzjoni.

(11) Fil-kuntest ta' l-arranġamenti ta' tranżizzjoni għaz-zokkor, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/627/KE il-Protokoll 3 dwar iż-żokkor AKP mehmuż ma' l-Anness V tal-Ftehim AKP-KE mhux se jibqa' japplika b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009 ([4]).

(12) Mat-tmiem tal-Protokoll 3 dwar iz-zokkor AKP u minħabba s-sensittività partikolari tas-suq taz-zokkor, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri ta' tranżizzjoni għal dan il-prodott. Fl-istess waqt, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' tranżizzjoni ta' salvagwardja u sorveljanza għal ċerti prodotti ta' l-agrikoltura pproċessati b'kontenut potenzjali għoli ta' zokkor li jistgħu jiġu kkumerċjalizzati biex jiġu evitati miżuri speċifiċi ta' tranżizzjoni ta' salvagwardja għall-importazzjonijiet taz-zokkor fil-KE.

(13) Huwa wkoll xieraq li jiġu adattati miżuri ġenerali ta' salvagwardja għall-prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

(14) Minħabba s-sensittività partikolari tal-prodotti ta' l-agrikoltura, huwa xieraq li jistgħu jittieħdu miżuri bilaterali ta' salvagwardja meta l-importazzjonijiet iġibu jew jheddu li jġibu tfixkil fis-swieq għal dawn il-prodotti jew tfixkil fil-mekkaniżmi li jirregolaw dawn is-swieq.

(15) Skond l-Artikolu 299(2) tat-Trattat, għandha titqies b'mod xieraq fl-istrateġiji politiċi kollha tal-Komunità l-qagħda partikolari strutturali, soċjali u ekonomika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità b'mod speċifiku b'referenza għad-drawwiet u l-politika kummerċjali.

(16) Għalhekk għandhom jitqiesu b'mod speċjali kemm is-sensittività tal-prodotti ta' l-agrikoltura, speċjalment iz-zokkor, kif ukoll il-vulnerabilità u l-interessi partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità meta jiġu stabbiliti r-regoli dwar salvagwardji bilaterali b'mod effettiv.

([1]) ĠU L 311, 4.12.1999, p. 1. Ftehim kif emendat bil-Protokoll Addizzjonali tal-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 33).

([2]) ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

([3]) ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/627/KE tat-28 ta' Settembru 2007 (ĠU L 255, 29.9.2007, p. 38).

(17) Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [1];

(18) Dan ir-Regolament jitlob il-ħtieġa li jiġi revokat is-sett attwali ta' Regolamenti adottati fil-kuntest ta' l-Anness V tal-Shubija AKP-KE, l-aktar ir-Regolament (KE) Nru 2285/2002 dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim ta' Shubija AKP-KE [2], ir-Regolament (KE) Nru 2286/2002 ta' l-10 ta' Diċembru 2002 dwar l-arranġamenti applikabbli għall-prodotti ta' l-agrikoltura li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti ta' l-agrikoltura li joriġinaw fl-Istati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (Stati AKP) [3] u l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1964/2005 tad-29 ta' Novembru 2005 dwar ir-rati tariffarji għall-banana [4]. Bħala konsegwenza, il-miżuri kollha ta' implimentazzjoni bbażati fuq dawk id-dispożizzjonijiet li jiġu revokati ma jibqgħux fl-użu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT, AMBITU U AĊĊESS GĦAS-SUQ

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Shubija Ekonomika.

Artikolu 2

Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti li joriġinaw fir-reġjuni u stati elenkati fl-Anness I.

2. Il-Kunsill li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jemenda l-Anness I biex iżid reġjuni jew stati mill-Grupp ta' Stati AKP li kkonkludew negozjati dwar ftehim bejn il-Komunità u dak ir-reġjun jew stat li ta' l-inqas jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu XXIV GATT 1994.

3. Tali stat jew reġjun se jibqa' fl-Anness I sakemm il-Kunsill li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, jemenda l-Anness I biex ineħħi reġjun jew stat minn dan l-Anness, b'mod partikolari, fejn:

(a) ir-reġjun jew stat jindika li għandu l-ħsieb li ma jirratifikax ftehim li bis-saħħa tiegħu ġie inkluż fl-Anness I;

(b) ratifika ta' ftehim li bis-saħħa tiegħu reġjun jew stat ġie inkluż fl-Anness I ma saritx fi żmien raġonevoli b'mod li d-dħul fis-seħħ tal-ftehim jittardja għalxejn; jew,

(c) il-ftehim jinġieb fi tmiem, jew ir-reġjun jew stat ikkonċernat iġib fi tmiem id-drittijiet u l-obbligi tiegħu skond il-ftehim iżda l-ftehim xort'oħra jibqa' fis-seħħ.

Artikolu 3

Aċċess għas-suq

1. Soġġetti għall-Artikoli 6, 7 u 8, id-dazji ta' importazzjoni għandhom jitneħħew fuq il-prodotti kollha tal-Kapitoli 1 sa 97 iżda mhux 93 tas-Sistema Armonizzata li joriġinaw f'reġjun jew stat elenkat fl-Anness I. Din it-tneħħija għandha tkun soġġetta għall-mekkaniżmi ta' tranżizzjoni ta' salvagwardja u sorveljanza stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 u l-mekkaniżmu ġenerali ta' salvagwardja previsti fl-Artikoli 11 sa 22.

2. Għall-prodotti tal-Kapitolu 93 tas-Sistema Armonizzata li joriġinaw f'reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I d-dazji ta' l-Aktar Pajjiżi Ffavoriti applikati s'issa għandhom ikomplu japplikaw.

3. Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, il-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi l-anqas żviluppati elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u li huma inklużi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, barra mill-arranġamenti previsti f'dan ir-Regolament, għandhom ikomplu jgawdu mill-preferenzi pprovduti skond ir-Regolament (KE) Nru 980/2005 fir-rigward ta' prodotti:

(a) ta' l-intestatura tariffarja 1006 għajr għas-sottointestatura 1006 10 10, sal-31 ta' Diċembru 2009; kif ukoll,

(b) ta' l-intestatura tariffarja 1701, sat-30 ta' Settembru 2009.

4. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 6, 7 u 8 m'għandhomx japplikaw għall-prodotti li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel. Dawn il-prodotti għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TDCA. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3), se jiżdied Anness ma' dan ir-Regolament li jistabbilixxi r-reġim applikabbli għal prodotti li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel ġaladarba d-dispożizzjonijiet kummerċjali rilevanti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni jkunu ġew sostitwiti bid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' ftehim li jistabbilixxi, jew li jwassal biex jiġi stabbilit, Ftehim ta' Shubija Ekonomika.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
[2] ĠU L 348, 21.12.2002, p. 3.
[3] ĠU L 348, 21.12.2002, p. 5.
[4] ĠU L 316, 2.12.2005, p. 1.

5. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 7 m'għandhomx japplikaw għal prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 jew l-intestatura tariffarja 0803 00 19 li joriġinaw f'reġjun jew stat elenkat fl-Anness I u li tħallew għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fid-*departments* Franċiżi lilhinn mix-xtut sa l-1 ta' Jannar 2028. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż sa l-1 ta' Jannar 2028 sakemm ma jiġix miftiehem xort'oħra mar-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I kif stipulat fil-ftehim rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* biex tgħarraf lill-partijiet interessati dwar it-terminazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

KAPITOLU II

REGOLI TA' ORIĠINI U KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 4

Regoli ta' Oriġini

1. Ir-regoli ta' oriġini stabbiliti fl-Anness II għandhom japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti joriġinawx fir-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I.

2. Ir-regoli ta' oriġini stabbiliti fl-Anness II għandhom jiġu sostitwiti minn dawk mehmuża ma' xi ftehim mar-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I meta dan il-ftehim jew jiġi proviżorjament applikat, jew jidħol fis-seħħ, ikun liema jkun l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* biex tgħarraf lill-operaturi. L-avviż għandu jispeċifika d-data ta' applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ, li għandha tkun id-data li minnha r-regoli ta' oriġini fil-ftehim għandhom japplikaw għall-prodotti li joriġinaw fir-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I.

3. Il-Kummissjoni mgħejjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [1] għandha tissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni taddispożizzjonijiet ta' l-Anness II. Jistgħu jiġu adottati emendi tekniċi u deċiżjonijiet dwar kif jiġi ttrattat l-Anness II skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 247 u 247A tar-Regolament (KE) Nru 2913/92.

Artikolu 5

Kooperazzjoni amministrattiva

1. Fejn il-Kummissjoni ssib, fuq il-bażi ta' tagħrif oġġettiv, nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva u/jew irregolaritajiet jew frodi, tista' tissospendi temporanjament l-eliminazzjoni taddoveri fl-Artikoli 3, 6 u 7, (minn issa 'l quddiem imsemmija bħala "it-trattament rilevanti"), bi qbil ma' dan l-Artikolu.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva għandha tfisser, *inter alia*:

(a) nuqqas ta' aktar minn darba li jitħarsu l-obbligi rilevanti li jeħtieġu l-verifika ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodott(i) kkonċernat(i);

(b) rifjut ta' aktar minn darba jew dewmien eċċessiv fit-twettiq u/jew il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-verifika sussegwenti tal-prova ta' oriġini;

(c) rifjut ta' aktar minn darba jew dewmien eċċessiv fil-ksib ta' l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu missjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-verifika ta' l-awtenticità ta' dokumenti jew ir-reqqa ta' l-informazzjoni marbuta ma' l-għoti tat-trattament rilevanti.

Għall-fini ta' dan l-Artikolu jistgħu jinstabu irregolaritajiet jew frodi, *inter alia*, fejn ikun hemm żieda f'daqqa, mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti, fl-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqbżu l-livell normali ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' esportazzjoni tar-reġjun jew stat ikkonċernat.

3. Fejn il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' tagħrif ipprovdut minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, issib li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq, huma sodisfatti, il-Kummissjoni tista', hi u taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24(2), tissospendi t-trattament rilevanti sakemm l-ewwel tkun:

(a) għarrfet lill-Kumitat stipulat fl-Artikolu 24;

(b) innotifikat ir-reġjun jew stat ikkonċernat bi qbil ma' kull proċedura rilevanti applikabbli bejn il-Komunità u dan l-istat jew reġjun; kif ukoll,

(c) ippubblikat avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* li jgħid li nstab li kien hemm nuqqas ta' disponibilità ta' kooperazzjoni amministrattiva, irregolaritajiet jew frodi.

4. Il-perjodu ta' sospensjoni skond dan l-Artikolu għandu jkun limitat għal dak li jkun meħtieġ biex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità. M'għandux jaqbeż is-sitt xhur, u jista' jiġġedded. Ma tmiem il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ġġib fi tmiem is-sospensjoni wara li tgħarraf il-Kumitat stipulat fl-Artikolu 24 jew li testendi l-perjodu ta' sospensjoni skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

5. Il-proċeduri ta' sospensjoni temporanja stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 għandhom jiġu sostitwiti minn dawk stabbiliti f'xi ftehim mar-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I meta dan il-ftehim jew jiġi proviżorjament applikat, jew jidħol fis-seħħ, ikun liema jkun l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* biex tgħarraf lill-operaturi. L-avviż għandu jispeċifika d-data ta' applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ, li għandha tkun id-data li minnha l-proċeduri ta' sospensjoni temporanja fil-ftehim għandhom japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

6. Sabiex timplimenta s-sospensjoni temporanja stabbilita f'xi ftehim mar-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I, il-Kummissjoni mingħajr dewmien eċċessiv għandha:

(a) tgħarraf lill-Kumitat stipulat fl-Artikolu 24 li nstab li hemm nuqqas ta' disponibilità ta' kooperazzjoni amministrattiva, irregolaritajiet jew frodi; kif ukoll

(b) tippubblika l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* li jgħid li nstab li kien hemm nuqqas ta' disponibilità ta' kooperazzjoni amministrattiva, irregolaritajiet jew frodi.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li tissospendi t-trattament rilevanti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24(2).

KAPITOLU III

ARRANĠAMENTI TA' TRANŻIZZJONI

TAQSIMA 1

Ross

Artikolu 6

Kwoti tariffarji ta' dazju zero u tneħħija eventwali ta' dazji

1. Id-dazji ta' importazzjoni fuq il-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1006 għandhom jitneħħew mill-1 ta' Jannar 2010, għajr għal dazji ta' importazzjoni fuq il-prodotti tas-sottointestatura 1006 10 10 li għandhom jitneħħew mill-1 ta' Jannar 2008.

2. Il-kwoti tar-rati tariffarji li ġejjin b'dazju zero għandhom jinfetħu għall-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1006 għajr għas-sottointestatura 1006 10 10 li joriġinaw fl-istati elenkati fl-Anness I li huma parti mir-reġjun CARIFORUM:

(a) 187 000 tunnellata, ekwivalenti ta' ross bla ħliefa, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2008;

(b) 250 000 tunnellata, ekwivalenti ta' ross bla ħliefa, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.

3. Ir-regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni tal-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 13 u 26(2) tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni Komuni tas-suq tar-ross [1].

TAQSIMA 2

Zokkor

Artikolu 7

Kwoti tariffarji ta' dazju zero u tneħħija eventwali ta' dazji

1. Id-dazji ta' importazzjoni fuq prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 għandhom jitneħħew mill-1 ta' Ottubru 2009.

2. Barra mill-kwoti tar-rati tariffarji miftuħa u amministrati skond l-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 [2], il-kwoti tar-rati tariffarji li ġejjin għandhom jinfetħu għall-prodotti tas-sottointestatura tariffarja 1701 għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009:

(a) 150 000 tunnellata, l-ekwivalenti ta' zokkor abjad, b'dazju zero riżervat għall-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi l-inqas żviluppati kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 u li huma elenkati fl-Anness I. Din il-kwota tar-rata tariffarja għandha tinqasam bejn ir-reġjuni skond il-kwantitajiet li jridu jiġu ddeterminati b'konformità mal-ftehim li jikkwalifikaw ir-reġjuni jew l-istati għall-inklużjoni fl-Anness I; kif ukoll,

(b) 80 000 tunnellata, l-ekwivalenti ta' zokkor abjad, b'dazju zero riżervat għall-prodotti li joriġinaw fir-reġjuni jew stati li mhumiex pajjiżi l-inqas żviluppati u li huma elenkati fl-Anness I. Din il-kwota tar-rata tariffarja għandha tinqasam bejn ir-reġjuni skond il-kwantitajiet li jridu jiġu ddeterminati b'konformità mal-ftehim li jikkwalifikaw ir-reġjuni jew l-istati għall-inklużjoni fl-Anness I.

3. L-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandu japplika għall-importazzjonijiet skond il-kwoti tar-rati tariffarji msemmija fil-paragrafu ta' qabel.

4. Ir-regoli fid-dettall għall-qsim skond ir-reġjun u għall-implimentazzjoni tal-kwoti tariffarji msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni skond il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

Artikolu 8

Arranġament transitorju

Għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2012, l-Artikolu 7(1) m'għandux japplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-kodiċi NM 1701 sakemm l-importatur ma jimpenjax ruħu li jixtri dawn il-prodotti bi prezz mhux aktar baxx minn 90 % tal-prezz ta' referenza (fuq bażi ta' c.i.f.) stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għas-sena kummerċjali rilevanti.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96.

[2] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

Artikolu 9

Mekkaniżmu tranżitorju ta' salvagwardja għaz-zokkor

1. Għall-perjodu l-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2015 it-trattament mogħti fl-Artikolu 7(1) għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw f'reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I u li mhumiex pajjiżi l-inqas żviluppati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 jista' jiġi sospiż meta:

(a) importazzjonijiet li joriġinaw f'reġjuni jew stati li huma Stati AKP u li mhumiex pajjiżi l-inqas żviluppati elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 jaqbżu l-kwantitajiet li ġejjin:

(i) 1,38 miljun tunnellata fis-sena kummerċjali 2009/2010,

(ii) 1,45 miljun tunnellata fis-sena kummerċjali 2010/2011,

(iii) 1,6 miljun tunnellata fis-snin kummerċjali 2011/2012 sa 2014/2015; kif ukoll

(b) importazzjonijiet li joriġinaw fl-Istati kollha AKP li jaqbżu 3,5 miljun tunnellata.

2. Il-kwantitajiet previsti fil-paragrafu 1 (a) jistgħu jiġu suddiviżi skond ir-reġjun.

3. Matul il-perjodu msemmi f' paragrafu 1, l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw f'reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I se jeħtieġu liċenzja ta' importazzjoni.

4. Is-sospensjoni tat-trattament mogħti fl-Artikolu 7(1) għandha tintemm fi tmiem is-sena kummerċjali li fiha ġiet introdotta.

5. Regoli fid-dettall dwar is-suddiviżjoni tal-kwantitajiet previsti fil-paragrafu 1 għat-treġija tas-sistema msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

Artikolu 10

Mekkaniżmu ta' sorveljanza ta' tranżizzjoni

1. Għall-perjodu 1 ta' Jannar 2008 sat-30 ta' Settembru 2015, l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, 2106 90 59, 2106 90 98 li joriġinaw f'reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għal mekkaniżmu ta' sorveljanza stipulat fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1].

2. Fuq il-bażi ta' din is-sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tikkontrolla jekk hemmx żieda kumulattiva ta' importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar minn dawn il-prodotti li joriġinaw f'reġjun partikolari b'aktar minn 20 % fil-volum matul perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi mqabbla mal-medja ta' importazzjonijiet ta' kull sena matul it-tliet perjodi preċedenti ta' tnax-il xahar.

3. Jekk il-livell imsemmi fil-paragrafu 2 jintlaħaq, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-tendenza kummerċjali, il-ġustifikazzjoni ekonomika u l-kontenut ta' zokkor ta' dawn l-importazzjonijiet. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-importazzjonijiet jintużaw biex jiġu evitati l-kwoti tar-rati tariffarji u l-mekkaniżmu speċjali ta' salvagwardja previsti fl-Artikoli 7, 8 u 9, tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, 2106 90 59, 2106 90 98 li joriġinaw f'reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I li mhumiex pajjiżi l-anqas żviluppati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 sa l-aħħar tas-sena kummerċjali kkonċernata.

4. Ir-Regoli fid-dettall għat-treġija ta' din is-sistema u d-deċiżjonijiet ta' sospensjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93 [2].

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 11

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "*Industrija Komunitarja*" tfisser il-produtturi tal-Komunità kollha bħala grupp wieħed ta' prodotti simili jew ta' prodotti li jikkompetu direttament ma' xulxin fi ħdan it-territorju tal-Komunità, jew dawk il-produtturi tal-Komunità li l-*output* kollettiv tagħhom ta' prodotti simili jew ta' prodotti li jikkompetu direttament ma' xulxin jikkostitwixxi proporzjon ewlieni tal-produzzjoni totali Komunitarja ta' dawn il-prodotti

(b) "*dannu serju*" tfisser ħsara ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni tal-produtturi Komunitarji;

(c) "*theddida ta' dannu serju*" tfisser dannu serju li jkun imminenti biċ-ċar;

(d) "*tfixkil*" tfisser taqlib f'settur jew industrija.;

(e) "*theddida ta' tfixkil*" tfisser tfixkil li jkun imminenti biċ-ċar.

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

[2] ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.

Artikolu 12

Prinċipji

1. Miżura ta' salvagwardja tista' tiġi imposta skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu fejn prodotti li joriġinaw fir-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I qed jiġu impurtati fil-Komunità bi kwantitajiet tant miżjuda u taħt tali kondizzjonijiet li jġibu jew jheddu li jġibu xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) dannu serju lill-industrija tal-Komunità

(b) tfixkil f'settur ta' l-ekonomija, partikolarment fejn dan it-tfixkil iġib problemi jew diffikultajiet soċjali ewlenin li jistgħu jwasslu għal tiħżin serju fil-qagħda ekonomika tal-Komunità, jew

(c) tfixkil fis-swieq tal-prodotti agrikoli koperti bl-Anness I tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Argikoltura jew mekkaniżmi li jirregolaw dawn is-swieq.

2. F'każijiet fejn il-prodotti li joriġinaw fir-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I qed jiġu impurtati fil-Komunità bi kwantitajiet tant miżjuda u taħt tali kondizzjonijiet li jġibu jew jheddu li jġibu tfixkil fil-qagħda ekonomika ta' wieħed jew aktar mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità, tista' tiġi imposta miżura ta' salvagwardja skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 13

Determinazzjoni tal-kondizzjonijiet biex jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja

1. Id-determinazzjoni ta' dannu serju jew it-theddida ta' dan għandha tkopri fost l-oħrajn il-fatturi li ġejjin:

(a) il-volum ta' importazzjonijiet, partikolarment fejn kien hemm żieda sinifikanti, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni jew il-konsum fil-Komunità;

(b) il-prezz ta' l-importazzjonijiet, b'mod partikolari fejn ikun sar bejgħ sinifikanti bi prezzijiet inqas meta mqabbel mal-prezz ta' prodott simili fil-Komunità;

(c) l-impatt konsegwenti fuq il-produtturi tal-Komunità kif indikat minn tendenzi f'ċerti fatturi ekonomiċi bħall-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-potenzjal, ħażniet, bejgħ, sehem fis-suq, il-waqa' tal-prezzijiet jew il-prevenzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet li kieku kienu se jseħħu taħt ċirkustanzi normali, profitti, redditu fuq il-kapital imħaddem, il-likwidità, l-impjieg;

(d) il-fatturi għajr ix-xejriet fl-importazzjonijiet li jkunu qegħdin jikkawżaw jew setgħu ikkawżaw dannu lill-produtturi Komunitarji interessati.

2. Id-determinazzjoni ta' tfixkil jew theddida ta' dan għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi, inklużi dawn l-elementi:

(a) żieda fil-volum ta' importazzjonijiet f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Komunità u għall-importazzjonijiet minn sorsi oħrajn u

(b) l-effett ta' dawn l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet, jew

(c) l-effett ta' dawn l-importazzjonijiet fuq il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità jew is-settur ekonomiku kkonċernat, inkluż fost l-oħrajn fuq il-livell ta' bejgħ, il-produzzjoni, il-qagħda finanzjarja u l-impjieg.

3. Fid-determinazzjoni dwar jekk l-importazzjonijiet humiex isiru taħt kondizzjonijiet li jġibu jew jheddu li jġibu tfixkil fis-swieq tal-prodotti ta' l-agrikoltura jew mekkanżimi li jirregolaw dawn is-swieq, inklużi Regolamenti li joħolqu Organizzazzjonijiet ta' Suq Komuni, iridu jitqiesu il-fatturi rilevanti oġġettivi kollha, inklużi wieħed jew aktar minn dawn l-elementi:

(a) il-volum ta' importazzjonijiet hekk kif imqabbel ma' livelli preċedenti ta' snin kalendarji jew kummerċjali, skond kif ikun il-każ, il-produzzjoni interna u l-konsum, livelli ppjanati tal-ġejjieni skond ir-riforma ta' l-Organizzazzjonijiet ta' Suq Komuni;

(b) il-livell tal-prezzijiet interni mqabbla mal-prezzijiet ta' referenza jew ta' mira jekk ikun il-każ, u jekk le, imqabbla mal-prezzijiet medji interni tas-suq matul l-istess perjodu tas-snin kummerċjali ta' qabel;

(c) Mill-1 ta' Ottubru 2015, fis-swieq tal-prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701: sitwazzjonijiet fejn il-prezz medju tas-suq tal-Komunità taz-zokkor abjad jaqa' matul ix-xahrejn konsekuttivi taħt it-80 % tal-prezz medju tas-suq tal-Komunità għaz-zokkor abjad prevalenti matul is-sena kummerċjali ta' qabel.

4. Fid-determinazzjoni dwar jekk il-kondizzjonijiet imsemmija f' paragrafu 3 humiex jintlaħqu fil-każ tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità, l-analiżijiet huma limitati għat-territorju tar-regjun(i) l-aktar imbiegħed/imbiegħda kkonċernat(i). Għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-daqs ta' l-industrija lokali, il-qagħda finanzjarja tagħha u l-qagħda ta' l-impjieg.

Artikolu 14

Bidu ta' proċedimenti

1. Jingħata bidu għal investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm xiehda biżżejjed li tiġġustifika dan il-bidu.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni f'każ li x-xejriet fl-importazzjonijiet minn xi wieħed mir-reġjuni jew stati msemmija fl-Anness I jidhru li jitolbu miżuri ta' salvagwardja. Dan it-tagħrif għandu jkun fih l-evidenza disponibbli, kif iddeterminat fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan it-tagħrif lill-Istati Membri kollha fi żmien tlett ijiem tax-xogħol.

3. Il-konsultazzjoni ma' l-Istati Membri għandha ssir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tibgħat it-tagħrif lill-Istati Membri kif stipulat fil-paragrafu 2. Fejn, wara l-konsultazzjoni, jidher li hemm biżżejjed xhieda li tiġġustifika bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Il-bidu ta' proċediment għandu jseħħ fi żmien xahar mill-wasla tat-tagħrif għand Stat Membru.

4. Jekk il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tkun tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi stabbiliti fl-Artikolu 12, għandha minnufih tinnotifika r-reġjun jew l-istati fl-Anness I milquta mill-intenzjoni tagħha li jingħata bidu għal investigazzjoni. Man-notifika tista' tiġi mehmuża stedina għal konsultazzjonijiet bl-għan ta' kjarifika tal-qagħda u li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat.

Artikolu 15

L-investigazzjoni

1. Wara l-bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tibda' investigazzjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu tagħrif u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex iwettqu din it-talba. Meta dan it-tagħrif ikun ta' interess ġenerali jew meta t-trażmissjoni tiegħu tkun intalbet minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħaddih lill-Istati Membri kollha sakemm ma tkunx kunfidenzjali, u f'każ li tkun, għandu jintbagħat sommarju mhux kunfidenzjali.

3. F'każ ta' investigazzjoni limitata għal reġjun imbiegħed, il-Kummissjoni tista' titlob lill-awtoritajiet lokali kompetenti jipprovdu t-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2, permezz ta' l-Istat Membru kkonċernat.

4. L-investigazzjoni għandha tasal fi tmiem, fejn ikun possibbli, fi żmien sitt xhur mill-bidu ta' l-investigazzjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perjodu massimu ieħor ta' tliet xhur.

Artikolu 16

Impożizzjoni ta' miżuri provviżorji ta' salvagwardja

1. Għandhom jiġu applikati miżuri proviżorji ta' salvagwardja f'ċirkostanzi kritiċi fejn dewmien iġib dannu li jkun diffiċli li jissewwa, skond determinazzjoni preliminari li ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 12 skond kif xieraq, jeżistu. Il-Kummissjoni għandha tieħu dawn il-miżuri provviżorji wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri jew, f'każijiet ta' urġenza kbira, wara li tinforma l-Istati Membri. F'dan l-aħħar każ, għandha ssir konsultazzjoni fi żmien għaxart ijiem min-notifika lill-Istati Membri dwar l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni.

2. Fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-vulnerabilità tagħhom għal kull żieda fl-importazzjonijiet, għandhom jiġu applikati miżuri proviżorji ta' salvagwardja fi proċedimenti li jirrigwardawhom fejn determinazzjoni preliminari tkun uriet li l-importazzjonijiet żdiedu. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri mat-tehid tal-miżuri u għandha ssir konsultazzjoni fi żmien għaxart ijiem minn notifika lill-Istati Membri ta' l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni.

3. Fejn Stat Membru jitlob intervent immedjat mill-Kummissjoni u fejn jiġu mħarsa l-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-wasla tat-talba.

4. Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Kunsill u l-Istati Membri dwar kull deċiżjoni meħuda skond il-paragrafi 1, 2 u 3. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi mod ieħor fi żmien xahar minn meta jiġi infurmat mill-Kummissjoni skond dan il-paragrafu.

5. Il-miżuri proviżorji jistgħu jieħdu l-forma ta' żieda fid-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat sa livell li ma jaqbiżx id-dazju doganali applikat lil membri oħra tad-WTO, jew il-livell ta' dazju tal-kwoti tariffarji.

6. It-tul ta' żmien tal-miżuri proviżorji m'għandux jaqbeż il-180 jum. F'każijiet fejn miżuri proviżorji jkunu limitati għal reġjuni mbiegħda, it-tul ta' żmien tagħhom ma jistax jaqbeż 200 jum.

7. Jekk il-miżuri proviżorji ta' salvagwardja jiġu revokati minħabba li l-investigazzjoni turi li ma ntlaħqux il-kondizzjonijiet fl-Artikoli 12 u 13, kull dazju miġbur bħala riżultat tal-miżuri provviżorji għandu jintradd lura awtomatikament.

Artikolu 17

Terminazzjoni ta' l-investigazzjoni u l-proċediment mingħajr miżuri

Fejn miżuri bilaterali ta' salvagwardja jinsabu mhux meħtieġa u m'hemm ebda objezzjoni fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 21, l-investigazzjoni u l-proċediment għandhom jiġu terminati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni għandha minnufih tissottometti lill-Kunsill rapport dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni, flimkien ma' proposta għal Regolament tal-Kunsill biex jintemm il-proċediment. Il-proċediment għandu jitqies mitmum jekk, fi żmien xahar, il-Kunsill, hu u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, ma jkunx iddeċieda mod ieħor.

Artikolu 18

Impożizzjoni ta' miżuri definittivi

1. Fejn il-fatti stabbiliti b'mod finali juru li ċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 12, skond kif xieraq, intlaħqu, il-Kummissjoni għandha titlob konsultazzjonijiet mar-reġjun jew stat ikkonċernat u tiltaqa' fil-kuntest ta' l-arranġament istituzzjonali xieraq stabbilit fil-ftehim rilevanti li jippermettu li reġjun jew stat jiġi inkluż fl-Anness 1 bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jwasslux għal soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat fi żmien tletin jum minn meta l-kwistjoni tkun ġiet mgħarrfa lir-reġjun jew stat ikkonċernat, għandha tittieħed deċiżjoni li jiġu imposti miżuri definittivi bilaterali ta' salvagwardja mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, fi żmien għoxrin jum tax-xogħol wara t-tmiem tal-perjodu ta' konsultazzjoni.

3. Kull deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni skond dan l-Artikolu għandha tiġi komunikata lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Kull Stat Membru jista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara l-jum ta' din il-komunikazzjoni, jirreferi d-deċiżjoni lill-Kunsill.

4. Jekk Stat Membru jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew jirrevoka d-deċiżjoni. Jekk, fi żmien xahar minn meta l-kwistjoni tkun ġiet riferita, il-Kunsill ma jkunx ħa deċiżjoni, id-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni titqies bħala kkonfermata.

5. Il-miżuri definittivi jistgħu jieħdu waħda mill-forom li ġejjin:

— sospensjoni ta' aktar tnaqqis tar-rata ta' dazju ta' importazzjoni għall-prodott ikkonċernat li joriġina fir-reġjun jew stat ikkonċernat,

— żieda fid-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat sa livell li ma jaqbiżx id-dazju doganali applikat lil membri oħra tad-WTO,

— kwota tariffarja.

6. M'għandhomx jiġu applikati miżuri bilaterali ta' salvagwardja fuq l-istess prodott mill-istess reġjun jew stat f'inqas minn sena wara li jkunu skadew jew tneħħew miżuri preċedenti bħal dawn.

Artikolu 19

Tul ta' żmien u reviżjoni tal-miżuri ta' salvagwardja

1. Miżura ta' salvagwardja għandha tibqa' fis-seħħ biss għall-perjodu taż-żmien meħtieġ biex jiġi pprevenut jew irmedjat id-dannu serju jew it-tfixkil. Il-perjodu taż-żmien m'għandux jaqbeż is-sentejn, għajr jekk jiġi estiż skond il-paragrafu 2. Fejn il-miżura hija limitata għal wieħed jew uħud mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità, il-perjodu ta' applikazzjoni ma jistgħax jaqbeż l-erba' snin.

2. Il-perjodu inizjali ta' kemm iddum miżura ta' salvagwardja jista' jiġi estiż b'mod eċċezzjonali sakemm jiġi ddeterminat li l-miżura ta' salvagwardja tibqa' meħtieġa biex tipprevjeni jew tirmedja dannu jew tfixkil serju.

3. L-estensjonijiet jiġu adottati skond il-proċeduri ta' dan ir-Regolament li jgħoddu għal investigazzjonijiet u billi jintużaw l-istess proċeduri bħal miżuri inizjali.

It-tul ta' żmien totali ta' miżura ta' salvagwardja ma jistax jaqbeż erba' snin, inkluża xi miżura provviżorja. Fil-każ ta' miżura limitata għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, dan il-limitu jiġi estiż għal tmien snin.

4. Jekk it-tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja jaqbeż is-sena, għandha tiġi liberalizzata progressivament b'intervalli regolari matul il-perjodu ta' żmien ta' applikazzjoni tagħha, li jinkludi kull estensjoni.

Il-konsultazzjonijiet mar-reġjun jew stat ikkonċernat għandhom isiru perjodikament fil-korpi istituzzjonali rilevanti tal-ftehim, bil-ħsieb li jiġi stabbilit programm għat-tneħħija tagħhom malli jippermettu ċ-ċirkustanzi.

Artikolu 20

Miżuri ta' sorveljanza

1. Fejn it-tendenza fl-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina fi Stat AKP hija tali li dawn jitsgħu jikkawżaw waħda missitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12, l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott jistgħu jkunu soġġetti għas-sorveljanza minn qabel tal-Komunità.

2. Id-deċiżjoni li tiġi imposta s-sorveljanza għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

Kull deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni skond dan l-Artikolu għandha tiġi komunikata lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Kull Stat Membru jista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara l-jum ta' din il-komunikazzjoni, jirreferi d-deċiżjoni lill-Kunsill.

Jekk Stat Membru jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew jirrevoka d-deċiżjoni. Jekk, fi żmien xahar minn meta l-kwistjoni tkun ġiet riferita, il-Kunsill ma jkunx ħa deċiżjoni, id-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni titqies bħala kkonfermata.

3. Il-miżuri ta' sorveljanza għandu jkollhom perjodu limitat ta' validità. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, dawn ma jibqgħux validi fi tmiem it-tieni perjodu ta' sitt xhur wara l-ewwel sitt xhur wara li l-miżuri jkunu ġew introdotti.

4. Il-miżuri ta' sorveljanza jistgħu jkunu limitati għat-territorju ta' reġjun imbiegħed wieħed jew aktar tal-Komunità fejn ikun meħtieġ.

5. Id-deċiżjoni li jiġu imposti miżuri ta' sorveljanza għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-korp istituzzjonali xieraq stabbilit fil-ftehim rilevanti li jippermettu li reġjun jew stat jiġi inkluż fl-Anness I bħala informazzjoni.

Artikolu 21

Konsultazzjonijiet

Il-kumitat konsultattiv kompetenti għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għandu jkun il-Kumitat Konsultattiv stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94. Fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1701, il-kumitat kompetenti għandu jkun megħjun mill-kumitat stabbilit skond l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 [1].

[1] ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53.

Artikolu 22

Miżuri eċċezzjonali b'applikazzjoni territorjali limitata

Fejn jirriżulta li l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni tal-miżuri bilaterali ta' salvagwardja jintlaħqu fi Stat Membru wieħed jew aktar tal-Komunità, il-Kummissjoni, wara li teżamina soluzzjonijiet alternattivi, tista b'mod eċċezzjonali, u skond l-Artikolu 134 tat-Trattat, tawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew salvagwardja limitati għal dak l-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernat(i) jekk tqis li dawn il-miżuri applikati f'dan il-livell huma aktar xierqa minn miżuri applikati mal-Komunità kollha. Dawn il-miżuri għandhom ikunu strettament limitati fiż-żmien u jfixklu mill-inqas kemm jista' jkun l-operazzjoni tas-suq intern.

KAPITOLU V

DIPOŻIZZJONIJIET TA' PROĊEDURA

Artikolu 23

Adattamenti għall-iżviluppi tekniċi

Dan ir-Regolament għandu jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3) biex iqis kull modifika teknika li tista' tkun meħtieġa fid-dawl ta' l-arranġamenti konklużi mar-reġjuni jew stati elenkati fl-Anness I.

Artikolu 24

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat ta' Implimentazzjoni ta' l-FPE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat').

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

4. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Emendi

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1964/2005 hu mħassar.

Artikolu 26

Revoki ta' atti eżistenti

Ir-regolamenti (KE) Nru 2285/2002 u (KE) Nru 2286/2002 huma revokati:

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F. NUNES CORREIA

ANNESS 1

Lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew negozjati fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 (2)

ANTIGWA U BARBUDA

IL-COMMONWEALTH TAL-BAĦAMAS

IL-BARBADOS

IL-BELIŻE

IR-REPUBBLIKA TAL-BOTSWANA

IR-REPUBBLIKA TAL-BURUNDI

THE REPUBLIC OF CAMEROON

L-UNJONI TAL-KOMOROS

IR-REPUBBLIKA TAL-CÔTE D'IVOIRE

IL-COMMONWEALTH TA' DOMINIKA

IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA

IR-REPUBBLIKA DEMOKRATIKA SOVRANA TAL-FIĠI

IR-REPUBBLIKA TAL-GANA

IL-GRENADA

IR-REPUBBLIKA KOOPERATTIVA TAL-GUJANA

IR-REPUBBLIKA TAL-ĦAITI

IL-ĠAMAJKA

IR-REPUBBLIKA TAL-KENJA

IR-RENJU TAL-LESOTO

IR-REPUBBLIKA TAL-MADAGASKAR

IR-REPUBBLIKA TAL-MAWRIZJU

IR-REPUBBLIKA TAL-MOŻAMBIK

IR-REPUBBLIKA TAN-NAMIBJA

L-ISTAT INDIPENDENTI TAL-PAPWA GINEA ĠDIDA

IR-REPUBBLIKA TAR-RWANDA

IL-FEDERAZZJONI TA' SAN KITTS U NEVIS

SANTA LUĊIJA

SAINT VINCENT U L-GRENADINI

IR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES

IR-REPUBBLIKA TAS-SURINAM

IR-RENJU TAS-SWAŻILAND

IR-REPUBBLIKA UNITA TAT-TANZANIJA

IR-REPUBBLIKA TA' TRINIDAD U TOBAGO

IR-REPUBBLIKA TA' L-UGANDA

IR-REPUBBLIKA TAŻ-ŻIMBABWE

ANNESS II

Regoli ta' oriġini

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI TA' ORIĠINI" U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

TITOLU I: Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikoli

1. Definizzjonijiet

TITOLU II: Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinanti"

Artikoli

2. Rekwiżiti ġenerali
3. Prodotti miksuba fis-sħiħ
4. Prodotti maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti
5. Operazzjonijiet ta' ħidma jew ta' pproċessar insuffiċjenti
6. Il-kumulazzjoni ta' l-oriġini
7. L-unità ta' kwalifika
8. L-aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod
9. Is-settijiet
10. Elementi newtrali

TITOLU III: Rekwiżiti territorjali

Artikoli

11. Il-prinċipju tat-territorjalità
12. Trasport dirett
13. L-esibizzjonijiet

TITOLU IV: Provi ta' l-oriġini

Artikoli

14. Rekwiżiti ġenerali
15. Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR 1
16. Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv
17. Ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 duplikat
18. Ħruġ ta' ċertifikati tal-moviment EUR.1 fuq bażi ta' provi ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula preċedentement
19. Il-kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-fattura
20. Esportatur approvat
21. Il-validità ta' prova ta' l-oriġini
22. Proċedura għat-tranżitu
23. Preżentazzjoni tal-provi ta' l-oriġini
24. Importazzjoni gradwali
25. Eżenzjonijiet mill-prova ta' l-oriġini
26. Il-proċedura ta' l-informazzjoni għal skopijiet ta' kumulazzjoni
27. Id-dokumenti ta' sostenn
28. Il-preservazzjoni tal-provi ta' l-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn
29. Id-diskrepanzi u l-iżbalji formali
30. L-ammonti espressi f'EUR

TITOLU V: Arranġamenti dwar il-kooperazzjoni amministrattiva

Artikoli

31. Assistenza reċiproka
32. Verifika tal-provi ta' l-oriġini
33. Verifika tad-dikjarazzjoni tal-forniturI
34. Penali
35. Żoni ħielsa
36. Derogi

TITOLU VI: Ceuta u Melilla

Artikoli

37. Kundizzjonijiet speċjali

TITOLU VII: Dispożizzjonijiet transitorji u Finali

Artikoli

38. Dispożizzjonijiet transitorji għal merkanzija fi transitu jew f' ħażna
39. Appendiċi

INDIĊI

APPENDIĊI

APPENDIĊI 1: Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

APPENDIĊI 2: Lista tal-ħidma jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinanti

APPENDIĊI 2A: Derogi mil-lista tal-ħidma jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinanti, skond l-Artikolu 4

APPENDIĊI 3: Il-formola għaċ-ċertifikat tal-moviment

APPENDIĊI 4: Id-dikjarazzjoni tal-fattura

APPENDIĊI 5A: Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għall-prodotti li għandhom status ta' oriġini preferenzjali

APPENDIĊI 5B: Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għall-prodotti li ma għandhomx status ta' oriġini preferenzjali

APPENDIĊI 6: Iċ-ċertifikat ta' l-informazzjoni

APPENDIĊI 7: Prodotti li dwarhom l-Artikolu 6(5) ma japplikax

APPENDIĊI 8: Prodotti tas-sajd li temporanjament mhux se japplika għalihom l-Artikolu 6(5)

APPENDIĊI 9: Pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw

APPENDIĊI 10: Prodotti li dwarhom id-dispożizzjonijiet tal-kumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2(2), 6(1) u 6(2) japplikaw wara l-1 ta' Ottubru 2015 u li dwarhom id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6(5), 6(9) u 6(12) ma japplikawx

APPENDIĊI 11: Prodotti li dwarhom id-dispożizzjonijiet tal-kumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2(2), 6(1) u 6(2) japplikaw wara l-1 ta' Jannar 2010 u li dwarhom id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6(5), 6(9) u 6(12) ma japplikawx

APPENDIĊI 12: Pajjiżi u territorji barranin

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

(a) "Manifattura" tfisser kull tip ta' ħidma jew ipproċessar inkluż l-immuntar jew operazzjonijiet speċifiċi;

(b) "Materjal" ifisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew biċċa, u oħrajn, li jintużaw fil-manifattura tal-prodott;

(c) "Prodott" ifisser il-prodott li qed jiġi manifatturat, anki jekk hu maħsub għal użu aktar tard f'operazzjoni oħra ta' manifattura;

(d) "Merkanzija" tfisser kemm il-materjali kif ukoll il-prodotti;

(e) "Valur doganali" ifisser il-valur determinat skond il-Ftehim ta' l-1994 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-WTO dwar il-valutazzjoni doganali);

(f) "Il-prezz tal-fabbrika" ifisser il-prezz imħallas għall-prodott kif joħroġ mill-fabbrika għall-fabbrikant li fl-impriża tiegħu tkun sar l-aħħar ħidma jew ipproċessar, bil-kundizzjoni li l-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, mingħajr l-ebda taxxa interna tkun, jew tista' tkun, imħallsa lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(g) "Valur tal-materjali" ifisser il-valur doganali fil-mument ta' l-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinanti li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fit-territorju kkonċernat;

(h) "Valur tal-materjali oriġinanti" tfisser il-valur ta' tali materjali kif definit fis-sottoparagrafu (g) applikat *mutatis mutandis*;

(i) "Valur miżjud" għandu jittieħed bħala l-prezz tal-fabbrika mnaqqas bil-valur doganali tal-materjali li jkunu impurtati jew fil-Komunità jew fl-Istati ta' l-AKP;

(j) "Kapitoli" u "intestaturi" jfissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b' erba' numri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikar ta' Oġġetti, imsemmija f'dan l-Anness bħala "is-Sistema Armonizzata" jew "HS";

(k) "Klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt intestatura partikolari;

(l) "Kunsinna" tfisser prodotti li jew huma mibgħuta fl-istess ħin minn esportatur wieħed għal destinatarju wieħed jew ikunu koperti minn dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mill-esportatur għad-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, minn fattura waħda;

(m) "Territorji" jinkludu l-ibħra territorjali.

(n) "OCT" tfisser il-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Anness 13.

TITOLU II

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINANTI"

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Għall-fini ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-prodotti li ġejjin ikunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw mill-Istati ta' l-AKP ta' l-Anness I, minn issa 'l quddiem, għall-fini ta' dan l-Anness, imsejħa "l-Istati ta' l-AKP":

(a) Prodotti miksuba fis-sħiħ fl-Istati ta' l-AKP fis-sens ta' l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness;

(b) Prodotti miksuba fl-Istati ta' l-AKP li jinkorporaw materjali li ma jkunux miksuba fis-sħiħ minn hemm, sakemm dawn il-materjali għaddew minn biżżejjed ħidma u pproċessar fl-Istati ta' l-AKP skond l-Artikolu 4 ta' dan l-Anness.

2. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, it-territorji ta' l-Istati ta' l-AKP ikunu kkunsidrati bħala territorju wieħed.

Prodotti oriġinanti magħmula minn materjali miksuba fis-sħiħ jew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fi tnejn jew aktar mill-Istati ta' l-AKP ikunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw mill-Istat ta' l-AKP fejn l-aħħar ħidma jew ipproċessar ikun seħħ, sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar hemmhekk imur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.

3. Għal prodotti elenkati fl-Appendiċi 11 u fl-Appendiċi 12, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw biss wara l-1 ta' Ottubru 2015 u wara l-1 ta' Jannar 2010, rispettivament.

Artikolu 3

Prodotti miksuba fis-sħiħ

1. Dawn li ġejjin ikunu kkunsidrati bħala miksuba fis-sħiħ fl-Istati ta' l-AKP jew fil-Komunità:

(a) prodotti minerali meħuda mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;

(b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) (i) prodotti miksuba permezz ta' kaċċa jew sajd li jsir hemmhekk;

(ii) prodotti ta' l-akwakultura, inkluża l-marikultura, fejn il-ħut jitwieled u jittraba hemmhekk;

(f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra li jittieħdu mill-baħar barra mill-ibħra territorjali bil-bastimenti tagħhom;

(g) prodotti magħmula abbord il-vapuri fabbriki esklussivament minn prodotti msemmija fis-sottoparagrafu (f);

(h) oġġetti użati miġbura hemmhekk li huma tajbin biss għall-irkupru tal-materji primi, inklużi tajers użati tajbin biss għat-tlaħħim mill-ġdid (retreading) jew għall-iskart

(i) fdalijiet u skart li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' manifattura li jsiru hemmhekk;

(j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar barra mill-ibħra territorjali sakemm għandhom id-dritt esklussiv li jaħdmu dak il-qiegħ tal-baħar jew taħtu;

(k) oġġetti prodotti hemmhekk esklussivament minn prodotti speċifikati fis-sottoparagrafi (a) sa (j).

2. It-termini "il-bastimenti tagħhom" u "il-vapuri fabbriki tagħhom" fil-paragrafu 1(f) sa (g) japplikaw biss għall-bastimenti u l-vapuri fabbriki:

(a) li huma rreġistrati fi Stat Membru tal-KE jew fi Stat ta' l-AKP;

(b) li jtajru bandiera ta' Stat Membru tal-KE jew ta' Stat ta' l-AKP;

(c) li jissodisfaw waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma mill-inqas 50 % proprjetà ta' ċittadini ta' Stat ta' l-AKP jew Stat Membru

jew

(ii) huma l-proprjetà ta' kumpaniji

— li għandhom l-uffiċċju prinċipali u l-post prinċipali tan-negozju tagħhom fi Stat ta' l-AKP jew fi Stat Membru; u

— li huma mill-inqas 50 % proprjetà ta' l-Istat ta' l-AKP, entitajiet pubbliċi ta' dak l-Istat, ċittadini ta' dak il-pajjiż jew ta' Stat Membru.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, il-Komunità, fuq talba ta' Stat ta' l-AKP tirrikonoxxi, li bastimenti chartered jew mikrija mill-Istat ta' l-AKP jkunu trattati bħala "il-bastimenti tagħhom" biex jieħdu sehem f'attivitajiet ta' sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-Istat ta' l-AKP offra lill-Komunità l-opportunità biex tinnegozja ftehim dwar is-sajd u l-Komunità ma aċċettatx din l-offerta;

(b) li l-kuntratt taċ-charter jew kiri kien aċċettat mill-Kummissjoni bħala li jipprovdi opportunitajiet adegwati biex tiġi żviluppata l-kapaċità ta' l-Istat ta' l-AKP li jistad għal rasu u b'mod partikolari bħala li tagħti lill-Istat ta' l-AKP ir-responsabbiltà għall-amministrazzjoni nawtika u kummerċjali tal-bastiment imqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

Artikolu 4

Prodotti maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-prodotti li ma jkunux miksuba fis-sħiħ huma kkunsidrati bħala maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti fl-Istati ta' l-AKP jew fil-Komunità, meta l-kundizzjonijiet kif elenkati fl-Appendiċi 2 jew, b'mod alternattiv, fl-Appendiċi 2A, ikunu sodisfatti. Il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament, il-ħidma jew l-ipproċessar li għandu jsir fuq materjali mhux oriġinanti li jintużaw fil-manifattura u japplikaw biss għal dawn il-materjali. Għalhekk, dan ifisser li jekk prodott, li kiseb status oriġinanti billi ssodisfa l-kundizzjonijiet elenkati fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li jkun inkorporat fih ma japplikawx għalih, u l-materjali mhux oriġinanti li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu ma jitqisux.

2. Minkejja l-paragrafu 1, materjali mhux oriġinanti li, skond il-kundizzjonijiet elenkati f'din il-lista, mhux suppost jintużaw fil-manifattura ta' prodott speċifiku jistgħu madankollu jintużaw, sakemm:

(a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx 15 fil-mija tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott;

(b) kwalunkwe perċentwali mogħtija fil-lista tal-valur massimu ta' materjali mhux oriġinanti ma jinqabżux permezz ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu;

Dan il-paragrafu ma japplikax għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. (a) Minkejja l-paragrafu 1 u wara notifikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea minn Stat ta' l-AKP tal-Paċifiku, prodotti tas-sajd ipproċessati ta' l-intestaturi 1604 u 1605 li jkunu pproċessati jew immanifatturati f'postijiet fuq l-art f'dak l-Istat minn materjali mhux oriġinanti ta' l-intestaturi 0302 jew 0303 li jiġu żbarkati f'port ta' dak l-Istat ikunu kkunsidrati bħala maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti għall-finijiet ta' l-Artikolu 2. In-notifika lill-Kummissjoni għandha tindika l-vantaġġi ta' l-iżvilupp għas-settur tas-sajd f'dak l-Istat, u għandha tinkludi l-informazzjoni neċessarja dwar l-ispeċi kkonċernati, il-prodotti li għandhom jiġu mmanifatturati kif ukoll indikazzjoni tal-kwantitajiet rispettivi involuti.

(b) Rapport lill-Komunità dwar l-implimentazzjoni tas-sottoparagrafu (a) għandu jitfassal mill-Istat ta' l-AKP tal-Paċifiku sa mhux aktar tard minn tliet snin wara n-notifikazzjoni.

(c) Is-Subparagrafu (a) għandu japplika bla ħsara għal miżuri sanitarji u fitosanitarji li jkunu fis-seħħ fl-UE, għal konservazzjoni effettiva u maniġment sostenibbli ta' riżorsi tal-ħut u għal appoġġ biex ikunu miġġielda attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rappurtati u mhux regolati fir-reġjun.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 japplikaw ħlief kif ipprovdut fl-Artikolu 5.

Artikolu 5

Operazzjonijiet ta' ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin ikunu kkunsidrati bħala ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jingħata l-istatus ta' prodotti oriġinanti, kemm jekk ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 jkunu sodisfatti u kemm jekk le:

(a) Operazzjonijiet biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-prodotti f'kundizzjoni tajba waqt it- trasport u l-ħażna (il-ventilazzjoni, it-tifrix, it-tnixxif, it-tkessiħ, it-tqegħid fil-melħ, id-dijossidu tas-sulfur jew soluzzjonijiet oħra prodotti mill-ilma, it-tneħħija ta' partijiet danneġġjati, u operazzjonijiet simili;

(b) Operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tneħħija ta' trab, it-tinqija jew l-għarbil, l-issortjar, il-klassifikazzjoni, it-tqabbil (inkluż il-formazzjoni ta' settijiet ta' oġġetti), il-ħasil, iż-żbigħ, it-tqattigħ;

(c) (i) bidliet fl-ippakkjar u t-tqattigħ u l-immuntar ta' pakketti;

(ii) It-tqegħid sempliċement fi fliexken, flaskijiet, basktijiet, bagalji, kaxxi, tqegħid fuq tavli jew planek, eċċ, u l-operazzjonijiet sempliċi ta' ippakkjar l-oħra kollha;

(d) It-twaħħil ta' marki, tabelli u sinjali oħra li jiddistingwu fuq il-prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;

(e) It-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le; it-taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe tip ieħor ta' materjal;

(f) L-immuntar sempliċi ta' biċċiet li jagħmlu prodott sħiħ;

(g) It-tagħqida ta' tnejn jew aktar operazzjonijiet speċifikati fis-sottoparagrafi (a) sa (f);

(h) Il-qatla ta' l-annimali.

(i) Tneħħija tal-ħliefa, ibbliċjar parzjali jew totali, ippolixjar u ggleżjar ta' ċereali u ross;

(j) Operazzjonijiet biex jingħata l-kulur liz-zokkor jew biex ikunu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali zokkor;

(k) Tqaxxir, tneħħija ta' l-għadma u l-qoxra ta' frott, lewż u ħxejjex

2. L-operazzjonijiet kollha li jsiru jew fl-Istati ta' l-AKP jew fil-Komunità fuq prodott speċifiku jkunu kkunsidrati flimkien meta jkun qiegħed jiġi ddeterminat jekk il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar fuq dak il-prodott jitqiesx bħala insuffiċjenti skond il-paragrafu 1.

Artikolu 6

Il-kumulazzjoni ta' l-oriġini

Il-kumulazzjoni mal-PTB (Pajjiżi u Territorji Barranin) u l-Komunità

1. Materjali li joriġinaw fil-Komunità jew fil-PTB jkunu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP meta jkunu nkorporati f'prodott li jinkiseb hemmhekk. Mhux ser ikun neċessarju li materjali ta' dan it-tip ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5.

2. Ħdim u pproċessar li jsir fil-Komunità jew fil-PTB ikunu kkunsidrati daqs li kieku saru fl-Istati ta' l-AKP, meta l-materjali sussegwentement isirilhom ħidma jew ipproċessar fl-Istati ta' l-AKP li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5.

3. Għall-fini biex ikun iddeterminat jekk il-prodotti joriġinawx fil-PTB, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness japplikaw *mutatis mutandis*.

4. Għall-prodotti elenkati fl-Appendiċi 11 u fl-Appendiċi 12, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss wara l-1 ta' Ottubru 2015 u wara l-1 ta' Jannar 2010 rispettivament.

Il-kumulazzjoni ma' l-Afrika t'Isfel

5. Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 6, 7, 8 u 11, materjali li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel ikunu kkunsidrati daqs li kieku oriġinaw fl-Istati ta' l-AKP meta jkunu inkorporati f'prodott miksub hemmhekk kemm-il darba huma jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn minn kif stipulat fl-Artikolu 5. Ma jkunx meħtieġ li materjali ta' dan it-tip ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

6. Prodotti li jkunu kisbu status oriġinanti skond il-paragrafu 5 jibqgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP meta l-valur miżjud hemmhekk jaqbeż il-valur tal-materjali użati li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel. Jekk dan mhux minnu, il-prodotti kkonċernati jkunu kkunsidrati bħala li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel. Fl-allokazzjoni ta' l-oriġini, materjali li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel li jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti fl-Istati ta' l-AKP ma jkunux ikkunsidrati.

7. Il-kumulazzjoni li jsir provvediment għaliha fil-paragrafu 5 ma tapplikax għall-prodotti elenkati fl-Appendiċi 8, 11 u 12.

8. Il-kumulazzjoni li jsir provvediment għaliha fil-paragrafu 5 tapplika biss għall-prodotti elenkati fl-Appendiċi 9 meta t-tariffi fuq dawn il-prodotti fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel ikunu eliminati. Il-Kummissjoni Ewropea se tippubblika *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (Serje C) id-data li fiha l-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jkunu sodisfatti.

9. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 7 u 8, il-ħidma u l-ipproċessar li jsir fl-Afrika t'Isfel ikunu kkunsidrati bħala li saru fi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Doganali ta' l-Afrika t'Isfel (SACU), billi jkun Stat ta' l-AKP, meta l-materjali jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor tas-SACU.

10. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 7 u 8 u fuq talba ta' l-Istati ta' l-AKP, il-ħidma u l-ipproċessar magħmul fl-Afrika t'Isfel, jitqies daqs li kieku jkun sar fl-Istati ta' l-AKP, meta l-materjali jgħaddu minn ħidma u proċessar sussegwenti fi Stat ta' l-AKP fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

11. Il-Kummissjoni li taġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 247 u 247A tar-Regolament (KE) 2913/92 għandha tiddeċiedi dwar it-talbiet ta' l-Istati ta' l-AKP.

12. Il-kumulazzjoni li jsir provvediment għaliha fil-paragrafu 5 tista' tkun applikata biss fejn il-materjali użati mill-Afrika t'Isfel ikunu kisbu status ta' prodotti oriġinanti permezz ta' applikazzjoni tar-regoli ta' l-oriġini identiċi għal dawk elenkati f'dan l-Anness. Il-kumulazzjoni stipulata fil-paragrafi 9 u 10 tista' tkun applikata bissa b'applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini identiċi għal dawk imniżżla f'dan l-Anness.

Il-kumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qegħdin jiżviluppaw

13. Fuq talba ta' l-Istati ta' l-AKP, materjali li joriġinaw f'pajjiż ġar li qiegħed jiżviluppa, li m'huwiex Stat ta' l-AKP, li jappartjeni għal entità ġeografika koerenti, ikunu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP meta jkunu nkorporati f'prodott miksub hemmhekk. Ma jkunx meħtieġ li materjali ta' din ix-xorta jkunu għaddew ħidma jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm:

— Il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar fl-Istat ta' l-AKP jaqbeż l-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 5.

— L-Istati ta' l-AKP, il-Komunità u l-pajjiżi l-oħra kkonċernati jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri amministrattivi adegwati li jiżguraw l-implimentazzjoni koretta ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma japplikax għal prodotti tat-ton ikklassifikati taħt il-Kapitoli 3 jew 16 tas-Sistema Armonizzata u għal prodotti tar-ross tal-Kodiċi 1006 tas-SA.

Sabiex jiġi determinat jekk il-prodotti oriġinawx mill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Il-Kummissjoni li taġixxi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 247 u 247A tar-Regolament (KE) 2913/92, għandha tiddeċiedi dwar it-talbiet ta' l-Istati ta' l-AKP. Din id-deċiżjoni għandha wkoll tidentifika l-prodotti li għalihom il-kumulazzjoni stipulata f'dan il-paragrafu ma tistax tkun permessa.

Artikolu 7

L-unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness tkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika meta tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni billi tintuża n-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Għal din ir-raġuni, jinftiehem li:

(a) meta prodott kompost minn grupp jew muntatura ta' artikoli jiġi kklassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħdanija, is-sħiħ jifforma l-unità ta' kwalifika;

(b) meta kunsinna tikkonsisti f'numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jittieħed individwalment meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. Fejn, taħt ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar huwa inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jiġi inkluż għall-finijiet biex tiġi ddeterminata l-oriġini.

Artikolu 8

L-aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod

L-aċċessorji, il-partijiet ta' rikambju u l-għodod li jintbagħtu ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz ta' dawn jew li m'humiex fatturati separatament, jitqiesu bħala biċċa waħda mal-biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

Artikolu 9

Is-settijiet

Is-settijiet, kif imfissra fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, jitqiesu bħala oriġinanti meta l-prodotti tal-komponenti kollha huma oriġinanti. Madankollu, meta sett huwa kompost minn prodotti oriġinanti u oħrajn mhux oriġinanti, is-sett sħiħ jitqies bħala oriġinanti, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinanti ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz tal-fabbrika tas-sett.

Artikolu 10

Elementi newtrali

Sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott huwiex oriġinanti, m'huwiex meħtieġ li tkun iddeterminata l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) L-enerġija u l-fjuwil;

(b) L-impjant u t-tagħmir;

(c) Il-makkinarji u l-għodod;

(d) L-oġġetti li ma jidħlux u li m'humiex intiżi li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 11

Il-prinċipju tat-territorjalità

1. Il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mal-kisba ta' status oriġinanti għandhom jiġu sodisfatti mingħajr interruzzjoni fl-Istati ta' l-AKP, ħlief kif ipprovdut fl-Artikolu 6.

2. Jekk oġġetti oriġinanti esportati mill-Istati ta' l-AKP, l-Komunità jew il-PTB lejn pajjiż ieħor jiġu rritornati, ħlief hekk kif sar provvediment għalihom fl-Artikolu 6, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala mhux oriġinanti, sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti għall-awtoritajiet doganali li:

(a) l-oġġetti rritornati huma l-istess oġġetti li ġew esportati; u

(b) ma għaddewx minn operazzjoni aktar minn dik neċessarja biex tippreservahom f'kundizzjoni tajba waqt li kienu f'dak il-pajjiż jew waqt li kienu qegħdin jiġu esportati.

Artikolu 12

Trasport dirett

1. It-trattament preferenzjali li jsir provvediment għalih f'dan ir-Regolament japplika biss għal prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness, li huma ttrasportati direttament bejn it-territorju ta' l-Istati ta' l-AKP, tal-Komunità, tal-PTB jew ta' l-Afrika t'Isfel għall-finijiet ta' l-Artikolu 6 mingħajr ma jidħlu f'territorji oħra. Madankollu, prodotti li jagħmlu kunsinna waħda biss jistgħu jiġu ttrasportati minn territorji oħrajn ma', jekk ikun hemm l-okkażjoni, ġarr minn stat għal ieħor jew ħażna temporanja f'dawn it-territorji, sakemm dawn jibqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' tranżitu jew ħażna u ma jgħaddux minn operazzjonijiet ħlief ta' ħatt, tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzjoni intenzjonata biex iżommhom f'kundizzjoni tajba.

Prodotti oriġinanti jistgħu jkunu ttrasportati permezz ta' pipeline tul it-territorju ħlief dak ta' Stat ta' l-AKP jew tal-Komunità.

2. Prova li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti għandhom jiġu pprovduti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur permezz tal-preżentazzjoni ta':

(a) dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż esportatur għall-pajjiż ta' tranżitu; jew

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' tranżitu:

(i) Li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) Li jagħti d-dati ta' meta nħattew u tgħabbew mill-ġdid il-prodotti u, fejn japplika, l-ismijiet tal-vapuri, jew il-mezzi l-oħra tat-trasport użati; u

(iii) Li jiċċertifika l-kundizzjonijiet taħt liema dawn il-prodotti baqgħu fil-pajjiż ta' tranżitu;

jew

(c) Fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokumenti li jissostanzjaw dan.

Artikolu 13

L-esibizzjonijiet

1. Prodotti oriġinanti, mibgħuta minn Stat ta' l-AKP għal esibizzjoni f'pajjiż ieħor ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 6 u mibjugħa wara l-esibizzjoni għall-importazzjoni fil-Komunità jibbenefikaw fl-istadju ta' l-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament sakemm jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li:

(a) Esportatur ikun ikkonsenja dawn il-prodotti minn Stat ta' l-AKP lejn il-pajjiż fejn se ssir l-esibizzjoni u jkun esibihom hemmhekk;

(b) Il-prodotti jkunu nbiegħu jew tneħħew b'mod ieħor minn dan l-esportatur lil persuna fil-Komunità;

(c) Il-prodotti jkunu kkunsinnati waqt l-esibizzjoni jew immedjatament wara fl-istat li jkunu mibgħuta għall-esibizzjoni; u

(d) Il-prodotti ma jkunux, miż-żmien li jkunu kkunsinnati għall-esibizzjoni, intużaw għal skopijiet oħra ħlief għal dimostrazzjoni fl-esibizzjoni.

2. Prova ta' l-oriġini għandha tinħareġ jew tkun magħmula skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV u ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur fil-mod normali. L-isem u l-indirizz ta' l-esibizzjoni għandhom ikunu indikati fuqha. Fejn meħtieġ, prova ddokumentata addizzjonali tal-kundizzjonijiet taħt liema ġew esibiti jistgħu jkunu mitluba.

3. Il-paragrafu 1 japplika għal kull esibizzjoni kummerċjali, industrijali, agrikola u tas-snajja', fiera jew kull tip ta' wirja jew mostra pubblika simili li m'hijiex organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet kummerċjali bl-iskop li jinbiegħu prodotti barranin, u waqt liema l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll doganali.

TITOLU IV

PROVI TA' L-ORIĠINI

Artikolu 14

Ir-rekwiżiti ġenerali

1. Prodotti li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP, ma' l-importazzjoni fil-Komunità jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament meta jippreżentaw wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ċertifikat tal-moviment EUR.1, kampjun ta' liema jidher fl-Appendiċi 3; jew

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 19(1), dikjarazzjoni, it-test ta' liema jidher fl-Appendiċi 4 għal dan l-Anness, li tingħata mill-esportatur fuq fattura, nota ta' konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti li dawn jistgħu jkunu identifikati (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-dikjarazzjoni tal-fattura").

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti oriġinanti skond is-sens ta' dan l-Anness, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 25, jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mingħajr ma jkun meħtieġ li jkunu ppreżentati d-dokumenti msemmija hawn fuq.

Artikolu 15

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. Ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur meta ssir l-applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dan l-iskop, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jimlew kemm iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' applikazzjoni, kampjuni ta' liema jidhru fl- Appendiċi 3. Dawn il-formoli għandhom jiġu kkompletati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. Jekk huma miktuba bl-idejn, għandhom jiġu kkompletati bl-inka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riservata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Fejn il-kaxxa m'hijiex kollha mimlija, issir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojt jiġi ngassat.

3. L-esportatur li qiegħed japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jkun lest biex jippreżenta fi kwalunkwe ħin, fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' l-AKP esportatur fejn iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jinħareġ, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova ta' l-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati kif ukoll is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

4. Ċertifikat tal-moviment EUR.1 jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat ta' l-AKP esportatur jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinanti fl-Istati ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

5. L-awtoritajiet doganali li jawtorizzaw il-ħruġ jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus oriġinanti tal-prodotti u s-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l- Anness. Għal dan il-għan, ikollhom id-dritt jitolbu kull prova u jagħmlu kull tip ta' spezzjoni tal-kotba ta' l-esportatur jew kull xorta ta' kontroll ieħor li jikkunsidraw xieraq. L-awtoritajiet doganali li jawtorizzaw il-ħruġ jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew. B'mod partikolari, għandhom jikkontrollaw li l-ispazju rriservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'mod li jeskludi kull possibiltà ta' żidiet qarrieqa.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandha tkun indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. Ċertifikat tal-moviment EUR.1 jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-esportatur malli l-esportazzjoni attwali tkun effetwata jew żgurata.

Artikolu 16

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 issued retrospectively

1. Minkejja l-Artikolu 15(7), ċertifikat tal-moviment EUR.1 jista' b'mod eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti għal liema jirreferi jekk:

(a) Ma jkunx inħareġ fiż-żmien ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew

(b) Jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li ċertifikat tal-moviment EUR.1 kien maħruġ iżda ma kienx aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data ta' l-esportazzjoni tal-prodotti li dwarhom jirreferi ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, u jagħti r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 b'mod retrospettiv wara biss li jkunu vverifikaw li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' l-esportatur taqbel ma' dik li hemm fil-fajl korrispondenti.

4. Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom ikunu endorsjati bil-frasi li ġejja:

"issued retrospectively"

5. L-endorsjar imsemmi fil-paragrafu 4 jiddaħħal fil-kaxxa tar-"Rimarki" tac-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

Artikolu 17

Ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 duplicate

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika lill-awtoritajiet doganali li ħarġuh għal kopja duplikata maħruġa fuq bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja dupplikata maħruġa b'dan il-mod trid tiġi endorsjata bil-kliem li ġej:

"DUPLICATE"

3. L-endorsjar imsemmi fil-paragrafu 2 jiddaħħal fil-kaxxa tar-"Rimarki" taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 duplikat.

4. Il-kopja duplikata, li jrid ikollha d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' movement oriġinali EUR.1, tibda sseħħ minn dik id-data.

Artikolu 18

Ħruġ ta' ċertifikati tal-moviment EUR.1 fuq bażi ta' provi ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula preċedentement

Meta prodotti oriġinanti jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali fi Stat ta' l-AKP jew fil-Komunità, ikun possibbli li jinbidlu il-provi ta' l-oriġini oriġinali b'oħrajn miċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 bil-għan li jintbagħtu l-prodotti kollha jew ftit minnhom x'imkien ieħor fl-Istati ta' l-AKP jew fil-Komunità. Iċ-ċertifikat(i) ta' movement EUR.1 sostitut(i) jinħareġ (jinħarġu) mill-uffiċċju doganali taħt il-kontroll ta' liema jkunu tqiegħdu l-prodotti.

Artikolu 19

Il-kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-fattura

1. Dikjarazzjoni ta' fattura kif imsemmija fl-Artikolu 14(1)(b) tista' ssir:

(a) minn esportatur approvat skond l-Artikolu 20, jew

(b) minn esportatur għal kull kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li fihom prodotti oriġinanti li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 6 000.

2. Dikjarazzjoni ta' fattura tista ssir jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti oriġinanti fl-Istati ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun lest biex jissottometti fi kwalunkwe ħin, fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur, kull dokument xieraq li juri l-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati kif ukoll is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

4. Dikjarazzjoni ta' fattura ssir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota ta' konsenja jew dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, it-test ta' liema jidher fl-Appendiċi 4 għal dan l-Anness, billi juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi mniżżla f'dak l-Appendiċi u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, għandha tinkiteb bl-inka u b'karattri stampati.

5. Dikjarazzjonijiet ta' fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur bil-miktub. Madankollu, esportatur approvat skond l-Artikolu 20 ma jkunx obbligat li jiffirma dikjarazzjonijiet bħal dawn sakemm jagħti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà kollha għal kull dikjarazzjoni ta' fattura li tidentifikah bħal li kieku kienet iffirmata bil-miktub minnu.

6. Dikjarazzjoni ta' fattura tista' ssir mill-esportatur meta l-prodotti li tagħmel referenza għalihom ikunu esportati, jew wara l-esportazzjoni b'kundizzjoni li tkun ippreżentata fil-pajjiż importatur sa mhux aktar minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li tagħmel referenza għalihom.

Artikolu 20

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur jistgħu jawtorizzaw kull esportatur li jagħmel kunsinni frekwenti ta' prodotti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament biex jagħmel dikjarazzjonijiet ta' fattura irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jkun qiegħed ifittex li jikseb awtorizazzjoni bħal din għandu joffri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali l-garanziji kollha neċessarji biex ikun ivverifikat l-istatus oriġinanti tal-prodotti kif ukoll is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat suġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' fattura.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Huma jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma joffrix iżjed il-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew inkella jagħmel użu skorrett mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 21

Il-validità ta' prova ta' l-oriġini

1. Prova ta' l-oriġini tkun valida għal għaxar xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur, u għandha tkun ippreżentata fil-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur.

2. Provi ta' l-oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati bil-għan li jkun applikat trattament preferenzjali, fejn in-nuqqas li jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkustanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur jistgħu jaċċettaw il-provi ta' l-oriġini fejn il-prodotti ġew ippreżentati qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 22

Proċedura għat-tranżitu

Meta l-prodotti jidħlu fi Stat ta' l-AKP ħlief il-pajjiż minn fejn joriġinaw, perjodu ta' validità addizzjonali ta' 4 xhur jibda mid-data li l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' tranżitu jniżżlu dan li ġej fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat EUR.1:

— il-kelma "tranżitu",

— l-isem tal-pajjiż ta' tranżitu,

— it-timbru uffiċjali, kampjun ta' liema kien disponibbli għall-Kummissjoni, f'konformità ma' l-Artikolu 31,

— Id-data ta' l-endorsjar.

Artikolu 23

Preżentazzjoni tal-provi ta' l-oriġini

Provi ta' l-oriġini jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur skond il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jista' jkollhom bżonn traduzzjoni ta' provi ta' l-oriġini u jista' jkollhom bżonn li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni jkollha magħha dikjarazzjoni mill-importatur li tgħid li l-prodotti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tad- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Importazzjoni gradwali

Fejn, fuq talba ta' l-importatur u suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, prodotti żarmati jew mhux immuntati skond ir-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li taqa' taħt is-Sezzjonijiet XVI u XVII jew l-intestaturi Numri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata huma importati gradwalment, prova ta' l-oriġini waħda għal prodotti bħal dawn tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali meta tkun importata l-ewwel kunsinna.

Artikolu 25

Eżenzjonijiet mill-provi ta' l-oriġini

1. Prodotti li jintbagħtu bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li huma parti mill-valiġġi personali ta' vjaġġatur ikunu ammessi bħala prodotti oriġinanti mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni tal-provi ta' l-oriġini, sakemm prodotti bħal dawn m'humiex importati permezz ta' kummerċ u jkunu ddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u fejn m'hemm l-ebda dubju dwar il-verità ta' dikjarazzjoni bħal din. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali CN22/CN23 jew fuq folja ta' karta mehmuża ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet okkażjonali u li jikkonsistu biss f'prodotti għall-użu pesonali tar-reċipjenti jew il-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom ma jkunux ikkunsidrati bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li m'hemmx skop kummerċjali.

3. Barra dan, il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti zgħar jew ta' EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li huma parti mill-valiġġi personali ta' vjaġġaturi.

Artikolu 26

Il-proċedura ta' l-informazzjoni għal skopijiet ta' kumulazzjoni

1. Meta l-Artikoli 2(2) u 6(1) jiġu applikati, l-evidenza ta' l-istatus oriġinanti skond dan l-Anness tal-materjali li ġejjin mill-Istati ta' l-AKP l-oħra, il-Komunità jew il-PTB tingħata permezz ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew permezz tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, kampjun ta' liema jidher fl-Appendiċi 5A għal dan l-Anness, mogħti mill-esportatur fl-Istat jew fil-PTB minn fejn ġew il-materjali.

2. Meta l-Artikoli 2(2), 6(2) u 6(9) jiġu applikati, l-evidenza tal-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar fl-Istati ta' l-AKP l-oħra, il-Komunità, il-PTB jew l-Afrika t'Isfel għandha tingħata permezz tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, kampjun ta' liema jidher fl-Appendiċi5B għal dan l-Anness, mogħti mill-esportatur fl-Istat jew fil-PTB minn fejn ġew il-materjali.

3. Dikjarazzjoni tal-fornitur separata tingħata mill-fornitur għal kull kunsinna ta' materjal fuq il-fattura kummerċjali għal dik il-kunsinna jew bħala anness għal dik il-fattura, jew fuq in-nota tal-konsenja jew dokument kummerċjali ieħor relatat mal-kunsinna li jiddeskrivi l-materjali kkonċernati f'dettall suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' ssir fuq formola stampata minn qabel.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur ikunu ffirmati bil-miktub. Iżda, fejn il-fattura u d-dikjarazzjoni tal-fornitur huma stabbiliti permezz ta' metodi elettroniċi għall-ipproċessar ta' *data*, id-dikjarazzjoni tal-fornitur ma hemmx bżonn li tkun iffirmata bil-miktub sakemm l-uffiċjal responsabbli fil-kumpanija ta' fornitura huwa identifikat b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali fl-Istat fejn id-dikjarazzjonijiet tal-forniturі jkunu stabbiliti. Dawn l-awtoritajiet doganali jistgħu jqiegħdu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il- paragrafu.

6. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur huma ppreżentati lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istat ta' l-AKP esportatur mitluba joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1.

7. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur magħmula u ċ-ċertifikati ta' informazzjoni maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 26 tal-Protokoll 1 ta' l-ANNESS V tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jibqgħu validi.

Artikolu 27

Id-dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 15(3) u 19(3) użati bil-għan li juru prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni ta' fattura jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fi Stat ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness jistgħu jikkonsistu, fost affarijiet oħra, f'dawn li ġejjin:

(a) Evidenza diretta tal-proċess li jkun sar mill-esportatur jew il-fornitur biex jinkisbu l-oġġetti kkonċernati, inklużi per eżempju fil-kontijiet jew il-kotba interni tiegħu;

(b) dokumenti li juru l-istatus oriġinanti tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fi Stat ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 fejn dawn id-dokumenti huma użati skond il-liġi domestika;

(c) dokumenti li juru l-ħidma jew l-ipproċessar tal-materjali fl-Istati ta' l-AKP, fil-Komunità jew fil-PTB, maħruġa jew magħmula fi Stat ta' l-AKP, fil-Komunità jew f'PTB, fejn dawn id-dokumenti huma użati skond il-liġi domestika;

(d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet ta' fattura li juru l-istatus oriġinanti tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fl-Istati ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 u skond dan l-Anness.

Artikolu 28

Il-preservazzjoni tal-provi ta' l-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jżomm sa mill-inqas tliet snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 15(3).

2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jżomm sa mill-inqas tliet snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni ta' fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 19(3).

3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur li qegħdin joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin il-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2).

4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura li jiġu ppreżentati lilhom.

Artikolu 29

Id-diskrepanzi u l-iżbalji formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn dikjarazzjonijiet magħmula fil-provi ta' l-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali bil-għan li jsiru l-formalitajiet biex jiġu importati l-prodotti ma jagħmlux *ipso facto* l-provi ta' l-oriġini nulli u mhux valida jekk ikun stabbilit li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.

2. Żbalji formali ovvji bħal m'huma żbalji ta' l-ittajpjar fuq provi ta' l-oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rrifjutat jekk dawn l-iżbalji m'humiex tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

Artikolu 30

L-ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(b) u l-Artikolu 25(3) f'każijiet fejn il-prodotti huma fatturati f'munita oħra li m'hijiex l-euro, ammonti fil-muniti nazzjonali ta' Stat ta' l-AKP, ta' Stati Membri tal-Komunità u tal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fl-Artikolu 6 ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu ffissati kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Kunsinna tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(b) jew l-Artikolu 25(3) b'referenza għall-munita li fiha tkun inħarġet il-fattura, skond l-ammont iffissat mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li jintużaw minn kwalunkwe munita nazzjonali jkunu l-ekwivalenti f'dik il-munita ta' l-ammonti espressi f'euro fl-ewwel ġurnata ta' xogħol ta' Ottubru. L-ammonti jkunu kkomunikati lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sal-15 ta' Ottubru u japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tinnotifika l-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti relevanti.

4. Pajjiż jista' jżid jew inaqqas sa l-eqreb ammont li jirriżulta mit-tisrif fil-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro. L-ammont miżjud jew imnaqqas ma jistax ivarja mill-ammont li jirriżulta mill-bidla b'aktar minn 5 fil-mija. Pajjiż jista' ma jbiddilx l-ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien ta' l-aġġustament annwali li jsir provvediment għalih fil-paragrafu 3, il-bidla ta' dak l-ammont, qabel kwalunkwe żieda jew tnaqqis, jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 fil-mija ta' l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali. L-ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' ma jitbiddilx jekk il-bidla tirriżulta f'nuqqas f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro jiġu riveduti mill-Kummissjoni. Meta jkun qiegħed jagħmel din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm huwa mixtieq li jkunu preservati l-effetti tal-limiti kkonċernati f'termini reali. Għal dan il-għan, tista' tiddeċiedi li timmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU V

ARRANĠAMENTI GĦAL KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 31

Assistenza reċiproka

1. L-Istati ta' l-AKP jibgħatu lill-Kummissjoni kampjuni tat-timbri użati flimkien ma' l-indirizzi ta' l-awtoritajiet doganali kompetenti li joħorġu ċertifikati ta' moviment EUR.1 u li jagħmlu l-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u tad- dikjarazzjonijiet ta' fattura.

Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura jkunu aċċettati bil-għan li jkun applikat trattament preferenzjali mid-data li l-informazzjoni tkun waslet għand il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tibgħat din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri.

2. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan l-Anness, il-Komunità, il-PTB u l-Istati ta' l-AKP jassistu lill xulxin, permezz ta' l-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-kontroll ta' l-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1, id-dikjarazzjonijiet ta' fattura jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u l-korrettezza ta' l-informazzjoni li tingħata f'dawn id-dokumenti.

L-awtoritajiet ikkonsultati jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar il-kundizzjonijiet taħt liema prodott ikun magħmul, fejn jindikaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet li fihom ir-regoli ta' l-oriġini ġew irrispettati fil-pajjiżi varji ta' l-Istati ta' l-AKP, l-Istati Membri u l-PTB ikkonċernati.

Artikolu 32

Verifika tal-provi ta' l-oriġini

1. Il-verifiki sussegwenti tal-provi ta' l-oriġini jitwettqu jew b'mod każwali jew meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur ikollhom dubju raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati jew is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

2. Għall-finijiet li jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur jirritornaw iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni ta' fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur u jagħtu, fejn xieraq, ir-raġuni għall-inkjesta. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġbura li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fuq il-provi ta' l-oriġini m'hijiex korretta tkun mgħoddija bħala sostenn tat-talba għall-verifika.

3. Il-verifika ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur. Għal dan il-għan, huma jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kotba ta' l-esportatur jew kwalunkwe tip ta' kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qegħdin jistennew ir-riżultati tal-verifika, l-importatur ikun offrut li l-prodotti jinħarġu suġġetti għal kwalunkwe miżuri ta' prekawzjoni kkunsidrati meħtieġa.

5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika jkunu infurmati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati humiex ikkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP jew f'wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 6 u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma hemm l-ebda risposta fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk ir-risposta ma għandhiex informazzjoni suffiċjenti biex tkun iddeterminata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi.

7. Fejn il-proċedura ta' verifika jew kwalunkwe tip ieħor ta' informazzjoni tidher li qiegħda tindika li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness qegħdin ikunu miksura għandu jsir l-istħarriġ xieraq bl-urġenza xierqa biex ikunu identifikati u jimpedixxi kontravenzjonijiet bħal dawn.

Artikolu 33

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-forniturі

1. Verifika tad-dikjarazzjoni tal-forniturі tista' ssir b'mod każwali jew kull meta l- awtoritajiet doganali ta' l-Istat importatur ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew il-korrettezza jew il-kompletezza ta' l-informazzjoni dwar l-oriġini vera tal-materjali inkwistjoni.

2. L-awtoritajiet doganali li tkun ippreżentata lilhom id-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat fejn id-dikjarazzjoni tkun magħmula biex joħorġu ċertifikat ta' informazzjoni, kampjun ta' liema jidher fl-Anness 6 għal dan l-Anness. Inkella, l-awtoritajiet doganali li tkun ippreżentata lilhom id-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-esportatur biex jipproduċi ċertifikat ta' informazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat fejn id-dikjarazzjoni tkun magħmula.

Kopja taċ-ċertifikat ta' informazzjoni għandu jinżamm mill-uffiċċju li jkun ħarġu għal mill-inqas tliet snin.

3. L-awtoritajiet doganali li qegħdin jagħmlu t-talba jkunu infurmati bir-riżultati tal-verifika malajr kemm jista' ikun. Ir-riżultati għandhom ikunu tali li jindikaw b'mod pożittiv jekk id-dikjarazzjoni dwar l-istatus tal-materjali hijiex korretta.

4. Għall-fini ta' verifika, il-forniturі jżommu għal mhux inqas minn tliet snin kopja tad-dokument li fih id-dikjarazzjoni flimkien ma' l-evidenza kollha neċessarja li turi l-istatus veru tal-materjali.

5. L-awtoritajiet doganali fl-Istat fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur ikollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza jew jagħmlu kwalunkwe tip ta' kontroll li jikkunsidraw xieraq biex jivverifikaw il-korrettezza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni tal-fornitur.

6. Kwalunkwe ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni ta' fattura maħruġa jew magħmula fuq bażi ta' dikjarazzjoni tal-fornitur inkorretta jitqiesu nulli u mhux validi.

Artikolu 34

Penali

Penali jiġu imposti fuq kwalunkwe persuna li jagħmel, jew jikkawża biex isir, dokument li fih informazzjoni mhux korretta bl-iskop li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 35

Żoni ħielsa

1. Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun żgurat li l-prodotti nnegozjati taħt kopertura ta' provi ta' l-oriġini jew ta' dikjarazzjoni tal-fornitur u li matul it-trasport jużaw żona ħielsa li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jkunux sostitwiti b'oġġetti oħra u ma jgħaddux minn ebda tip ta' trattament ħlief għal operazzjonijiet normali maħsuba biex jimpedixxu d-deterjorament tagħhom.

2. Permezz ta' eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 1, meta prodotti oriġinarji huma impurtati f'żona ħielsa taħt kopertura ta' provi ta' l-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati joħorġu ċertifikat EUR.1 ġdid fuq talba ta' l-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jgħaddu minnu huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Artikolu 36

Derogi

1. Il-Kummissjoni bl-inizjattiva tagħha stess jew bi tweġiba għal talba minn pajjiż benefiċjarju tista' tagħti pajjiż benefiċjarju deroga temporanja mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness fejn:

(a) fatturi interni jew esterni jżommuh temporanjament mill-kapaċità li jkun konformi mar-regoli għall-akkwist ta' l-oriġini kif stipulat f'dan l-Anness fejn seta' jagħmel hekk qabel, jew

(b) ikun jeħtieġ żmien biex iħejji lilu nnifsu biex ikun konformi mar-regoli għall-akkwist ta' l-oriġini kif stipulat f'dan l-Anness.

2. Id-deroga temporanja għandha tkun limitata sakemm idum l-effett tal-fatturi interni jew esterni li jagħtu lok għaliha jew it-tul ta' żmien meħtieġ għall-pajjiż benefiċjarju biex jikseb konformità mar-regoli.

3. Talba għal deroga għandha ssir bil-kitba lill-Kummissjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet kif indikati fil-paragrafu 1 għala deroga hija meħtieġa u għandu jkollha d-dokumenti xierqa biex jappoġġjawha.

4. Meta tkun qed tiddeċiedi skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni għandha taġixxi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 247 u 247A tar-Regolament (KE) 2913/92.

Il-Komunità għandha tirrispondi b'mod pożittiv għat-talbiet kollha ta' l-Istati ta' l-AKP li huma ġġustifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu u li ma jistgħux jikkawżaw dannu serju lil industrija stabbilita tal-Komunità.

TITOLU VI

CEUTA U MELILLA

Artikolu 37

Kundizzjonijiet speċjali

1. It-terminu "Il-Komunità" użat f'dan l-Anness ma jkoprix lil Ceuta u Melilla. It-terminu "prodotti li joriġinaw fil-Komunità" ma jkoprix prodotti li joriġinaw fi Ceuta jew Melilla.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness japplikaw *mutatis mutandis* biex jiġi ddeterminat jekk prodotti jistgħux jitqiesu li joriġinaw fl-Istati ta' l-AKP meta impurtati fi Ceuta u Melilla.

3. Fejn prodotti miksuba fis-sħiħ fi Ceuta, Melilla jew il-Komunità jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar fl-Istati ta' l-AKP, dawn ikunu kkunsidrati bħala miksuba fis-sħiħ fl-Istati ta' l-AKP.

4. Ħdim jew ipproċessar magħmul fi Cueta, Melilla jew il-Komunità jkun ikkunsidrat bħala magħmul fl-Istati ta' l-AKP, meta materjali jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar addizzjonali fl-Istati ta' l-AKP.

5. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, l-operazzjonijiet insuffiċjenti elenkati fl-Artikolu 5 ma jitqiesux bħala ħidma jew ipproċessar.

6. Ceuta u Melilla jitqiesu bħala territorju wieħed.

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 38

Dispożizzjoni tranżitorja għal oġġetti fi tranżitu jew maħżuna

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu applikati għal oġġetti esportati mir-reġjuni jew pajjiżi elenkati fl-Anness 1 akkumpanjati miċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa f'konformità ma' l-Artikolu 15 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE fi żmien perjodu ta' għaxar xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu applikati għal oġġetti esportati minn reġjuni jew pajjiżi elenkati fl-Anness 1 li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew jinsabu fi tranżitu jew qegħdin fil-Komunità f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa, soġġetti għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importaturi, fi żmien għaxar xhur mid-data msemmija, ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 maħruġ retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur flimkien mad-dokumenti li juru li l-oġġetti ġew ittrasportati direttament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.

Artikolu 39

L-Appendiċi

L-Appendiċi għal dan l-Anness jifformaw parti integrali minnu.

Appendiċi 1

Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha biex ikunu kkunsidrati bħala maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti skond l-Artikolu 4 ta' l-Anness II.

Nota 2:

1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru ta' l-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew il-kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni tiġi speċifikata regola fil-kolonni 3 jew 4. Fejn, f'ċerti każijiet, l-entrata fl-ewwel kolonna hija preċeduta b"ex", din tfisser li r-regoli fil-kolonni 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2. Fejn bosta numri ta' intestatura huma miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew numru ta' Kapitolu jingħata u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tkun għalhekk f'termini ġenerali, ir-regoli mal-ġenb fil-kolonni 3 u 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, huma klassifikati f'intestaturi tal-Kapitolu jew fi kwalunkwe mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li tapplika għall-prodotti differenti f'intestatura, kull inċiż fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura li tkun koperta mir-regola mal-ġenb fil-kolonni 3 jew 4.

4. Fejn, għal entratura fl-ewwel żewġ kolonni, regola tkun speċifikata kemm fil-kolonna 3 kif ukoll fil-kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola mniżżla fil-kolonna 3 jew dik imniżżla fil-kolonna 4. Jekk l-ebda regola ta' l-oriġini ma tingħata fil-kolonna 4, tkun applikata r-regola mniżżla fil-kolonna 3.

Nota 3:

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 ta' l-Anness dwar prodotti li kisbu status oriġinanti li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra japplikaw kemm jekk dan l-istatus inkiseb fil-fabbrika fejn dawn il-prodotti huma użati u kemm jekk f'fabbrika oħra fil-Komunità jew fl-Istati ta' l-AKP.

Eżempju:

Magna ta' intestatura Nru 8407, għal liema r-regola tgħid li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jiġu inkorporati ma jistax jaqbeż l-40 fil-mija tal-prezz tal-fabbrika, magħmula minn "liga ta' l-azzar oħra fformata b'mod aħrax permezz ta' forġa" ta' l-intestatura Nru ex 7224.

Jekk dan il-kiwi ta' metalli fil-forġa jsir fil-Komunità minn ingott mhux oriġinanti, dan diġà akkwista status oriġinanti minħabba r-regola għall-intestatura Nru ex 7224 fil-lista. Il-kiwi ta' metalli fil-forġa mbagħad jista' jingħad li joriġina fil-kalkolu tal-valur għall-magna mingħajr ma' jitqies jekk tkunx ġiet prodotta fl-istess fabbrika jew f'fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur ta' l-ingott mhux oriġinanti għalhekk ma jitqiesx meta jkun qiegħed jingħadd il-valur ta' materjali mhux oriġinarji użati.

2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar li huwa meħtieġ u l-ħidma jew l-ipproċessar addizzjonali li jrid isir jagħti wkoll status oriġinanti; għall-kuntrarju, inqas ħidma jew ipproċessar ma jagħtix status oriġinanti. Dan iseħħ jekk regola tipprovdi li materjal mhux oriġinanti f'ċertu livell ta' manifattura jista' jintuża, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permissibbli u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard m'huwiex.

3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2 liema regola tgħid li "materjali ta' kwalunkwe intestatura" jistgħu jintużaw, materjali ta' l-istess intestatura tal-prodott jistgħu wkoll jintużaw, suġġetti, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjonijiet speċifiċi li jistgħu wkoll ikunu fir-regola. Madankollu, l-espressjoni "manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra ta' l-intestatura Nru …" tfisser li l-materjali klassifikati biss fl-istess intestatura tal-prodott ta' deskrizzjoni differenti minn dik tal-prodott kif mogħtija fil kolonna 2 tal-lista jista' jintuża.

4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat b'aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li kwalunkwe materjal jew aktar jista' jintuża. M'hemmx għalfejn jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regoli għat-tessuti ta' l-intestatura Nru 5208 sa 5212 jagħmlu provvediment li fibri naturali jistgħu jintużaw u dawk il-materjali kimiċi, fost materjali oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li t-tnejn iridu jintużaw; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor jew it-tnejn.

5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun immanifatturat minn materjal partikolari, il-kundizzjoni ovvjament ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.3 hawn taħt li tirreferi għat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat ta' l-intestatura Nru 1904 li speċifikament teskludi l-użu ta' ċereali u d-derivattivi tagħhom ma twaqqafx l-użu ta' mluħa minerali, kimiki u addittivi oħra li m'humiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu immanifatturati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu magħmula minn materjal ta' l-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

F'każ ta' artikolu tal-ħwejjeġ ta' ex Kapitolu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk l-użu ta' ħjut mhux oriġinarji huwa permess għal din il-klassi ta' artikolu, m'huwiex possibbli tibda minn drapp mhux minsuġ — anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux normalment isiru minn ħjut. F'dawn il-każijiet, il-materjali tal-bidu jkunu normalment fl-istadju ta' qabel il-ħjut — jiġifieri fl-istadju tal-fibra.

6. Fejn, f'regola fil-lista, żewġ persentaġġi jingħataw għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, mela dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddew flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jista' qatt jaqbeż l-għola perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu b'relazzjoni mal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4:

1. It-terminu "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri ħlief fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-iskart, u, jekk mhux speċifikat, jinkludi fibri li kienu mqardxa, minxuta jew ipproċessati b'mod ieħor iżda mhux magħżula.

2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi x-xagħar taż-żiemel ta' l-intestatura Nru 0503, il-ħarir ta' l-intestaturi Nru 5002 u 5003 kif ukoll il-fibri tas-suf, ix-xagħar fin jew grezz ta' l-annimali ta' l-intestaturi Nru 5101 sa 5105, il-fibri tat-tajjar ta' l-intestaturi Nru 5201 sa 5203 u l-fibri veġetali l-oħra ta' l-intestaturi Nru 5301 sa 5305.

3. It-termini "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali għall-produzzjoni tal-karti" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali mhux klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw għall-manifattura artifiċjali, fibri sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

4. It-terminu "fibri prinċipali magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirreferi għall-istoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, ta' l-intestaturi Nru 5501 sa 5507.

Nota 5:

1. Fejn għal prodott partikolari fil-lista ssir referenza għal din in-nota, il-kundizzjonijiet imniżżla fil-kolonna 3 ma jkunux applikati għal materjali tessili bażiċi, użati fil-manifattura ta' dan il-prodott, li, meħuda flimkien, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew inqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt).

2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss lill-prodotti mħallta li jkunu saru minn tnejn jew aktar materjali tessili bażiċi.

3. Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

— il-ħarir,

— is-suf,

— ix-xagħar grezz ta' l-annimali,

— ix-xagħar fin ta' l-annimali,

— ix-xagħar taż-żiemel,

— it-tajjar,

— il-materjali tal-produzzjoni tal-karta u l-karta,

— il-kittien,

— il-qanneb,

— il-ġuta u fibri mxella tessili oħra,

— is-sisal u l-fibri tessili oħra tal-ġeneru Agave,

— il-ġewż ta' l-Indi, il-manilla, ir-rami u fibri tessili veġetali oħra,

— il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti li jħallu jgħaddu l-kurrent,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropelin magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliamidi magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliakrinolitrilika magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliimidi magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoetilin magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tas-sulfid tal-polifenilin magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polimer ta' kloridu tal-vinil magħmula mill-bniedem,

— fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali artifiċjali tal-visk magħmula mill-bniedem,

— fibri prinċipali artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem,

— il-ħjut magħmula minn poliuretejn issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter kemm jekk mibrum jew le,

— il-ħjut magħmula minn poliuretejn issegmentat b'segmenti flessibbli ta' poliester kemm jekk mibrum jew le,

— il-prodotti ta' l-intestatura Nru 5605 (ħjut metallizzati) li tinkorpora strippa li tikkonsisti f'qalba ta' folja ta' l-aluminju jew qalba tal-plastik irqiq ħafna kemm jekk miksija bi trab ta' l-aluminju, ta' wisa' li ma taqbiżx il-5 mm, imdeffsa permezz ta' sustanza li twaħħal trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' plastik irqiq ħafna,

— prodotti oħra taħt l-intestatura Nru 5605.

Eżempju:

Ħjut ta' l-intestatura Nru 5205 magħmul mill-fibri tat-tajjar ta' l-intestatura Nru 5203 u fibri prinċipali sintetiċi ta' l-intestatura Nru 5506 huma ħjut imħallta. Għalhekk, il-fibri prinċipali sintetiċi mhux oriġinanti li ma jissodisfawx ir-regoli ta' l-oriġini (li jirrikjedu li jkunu mmanifatturati minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jistgħu jintużaw sa piż ta' 10 fil-mija tal-ħjut.

Eżempju:

Fibra tas-suf ta' l-intestatura Nru 5112 magħmula minn ħjut tas-suf ta' l-intestatura Nru 5107 u ħjut sintetiċi ta' fibri prinċipali ta' l-intestatura Nru 5509 hija fibra mħallta. Għalhekk ħjut sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli ta' l-oriġini (li jirrikjedu li jkunu mmanifatturati minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jew ħjut tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' l-oriġini (li jirrikjedi manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'mod ieħor għall-għażil) jew taħlita tat-tnejn tista' tintuża sakemm il-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tat-tessut.

Eżempju:

Drapp tessili mberfla ta' l-intestatura Nru 5802 magħmul minn ħjut tat-tajjar ta' l-intestatura Nru 5205 u drapp ta' l-intestatura Nru 5210 huwa biss prodott imħallat jekk id-drapp tat-tajjar huwa nnifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati f'żewġ intestaturi separati jew jekk il-ħjut tat-tajjar infushom huma taħlitiet.

Eżempju:

Jekk id-drapp tessili imberfel ikkonċernat huwa magħmul minn ħjut tat-tajjar ta' l-intestatura Nru 5205 u drapp sintetiku ta' l-intestatura Nru 5407, imbagħad, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tessili mberfel huwa għal din ir-raġuni prodott imħallat.

3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut magħmul minn poliuretejn issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter kemm jekk mibrum jew le" din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-rispett ta' dawn il-ħjut.

4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strippa li tikkonsisti f'qalba ta' folja ta' l-aluminju jew ta' plastik irqiq ħafna kemm jekk miksi bi trab ta' l-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma taqbiżx il-5 mm, imdeffsa permezz ta' sustantiv li jwaħħal bejn żewġ saffi ta' plastik irqiq", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rispett ta' din l-istrippa.

Nota 6:

1. Fil-każ ta' dawk il-prodotti tessili, li huma mmarkati fil-lista b'nota f'qiegħ il-paġna li tirreferi għal din in-Nota Introduttorja, dekorazzjonijiet u aċċessorji tessili li ma jissodisfawx ir-regola mniżżla fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodotti magħmula kkonċernati jistgħu jintużaw sakemm il-piż tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-piż totali tal-materjali tessili inkorporati kollha.

   Dekorazzjonijiet u aċċessorji tessili huma dawk ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. L-inforor jew l-inforor tan-nofs m'humiex meqjusa bħala dekorazzjonijiet jew aċċessorji.

2. Kwalunkwe dekorazzjonijiet jew aċċessorji mhux tessili jew materjali oħra użati li fihom it-tessuti ma għandhomx għalfejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet imniżżla fil-kolonna 3 anki jekk dawn jaqgħu barra mill-iskop tan-Nota 3.5.

3. F'konformità man-Nota 3.5, kwalunkwe dekorazzjonijiet jew aċċessorji jew prodott ieħor mhux tessili u mhux oriġinanti, li ma fihom l-ebda tessut, jistgħu madankollu, jintużaw b'mod liberu fejn ma jistgħux isiru mill-materjali elenkati fil-kolonna 3.

   Per eżempju [1], jekk regola fil-lista tgħid li għal oġġett tessili partikolari, bħal blaws, għandhom jintużaw ħjut, dan ma jimpedixxix l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħal buttuni, minħabba li dawn ma jistgħux isiru minn materjali tessili.

4. Fejn tapplika regola tal-perċentwal, il-valur tat-dekorazzjonijiet u l-aċċessorji għandhom jitqiesu meta jkun ikkalkulat il-valur tal-materjali mhux oriġinanti li huma inkorporati.

Nota 7:

1. Għall-finijiet ta' l-intestatura Nru ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il- "proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

   (a) Id-distillazzjoni tal-vakwu;

   (b) Id-distillazzjoni mill-ġdid permezz ta' proċess ta' taqsim fi frazzjonijiet bl-akbar reqqa [2];

   (c) It-tixqiq (*cracking*);

[1] Dan l-eżempju huwa mogħti għall-fini ta' spjegazzjoni biss. Ma jorbotx legalment

[2] Ara n-Nota ta' Spjega 4(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda

(d) Il-formazzjoni mill-ġdid;

(e) L-estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) Il-proċess li jinkludi dawn l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar b'aċidu tas-sulfur ikkonċentrat, oleu jew anidridi sulfuriku; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; it-tneħħija tal-kulur u l-purifikazzjoni bi trab attiv naturalment, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) Il-polimerizzazzjoni;

(h) L-alkilazzjoni;

(i) L-isomerizzazzjoni.

2. Għall-finijiet ta' l-intestatura Nru 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) Id-distillazzjoni tal-vakwu;

(b) Id-distillazzjoni mill-ġdid permezz ta' proċess ta' tiqsim fi frazzjonijiet bl-akbar reqqa [1]

(c) It-tixqiq;

(d) Il-formazzjoni mill-ġdid;

(e) L-estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) Il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidridi sulfuriku; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; it-tneħħija tal-kulur u l-purifikazzjoni bi trab attiv naturalment, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) Il-polimerizzazzjoni;

(h) L-alkilazzjoni;

(i) L-isomerizzazzjoni;

(j) Fir-rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-tneħħija tas-sulfur bl-idroġenu li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-inqas 85 fil-mija tal-kontenut tas-sulfur tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);

(k) Fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolju permezz ta' proċess ieħor għajr l-iffiltrar;

(l) Fir-rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu taħt pressa ta' aktar minn 20 barra u temperatura ta' aktar minn 250 °C bl-użu ta' katalizzatur, għajr biex issir it-tneħħija tas-sulfur, meta l-idroġenu jkun element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament addizzjonali bl-idroġenu ta' żjut lubrikanti ta' l-intestatura Nru ex 2710 (per eżempju l-*hydrofinishing* jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, aktar speċjalment, biex jittejjeb il-kulur jew l-istabbiltà, madankollu, ma jitqiesux bħala proċess speċifiku;

(m) Fir-rigward ta' żjut tal-fjuwil li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, id-distillazzjoni atmosferika, sakemm inqas minn 30 fil-mija ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, b'volum, inkluż telf, f'temperatura ta' 300 °C permezz tal-metodu ASTM D 86;

(n) Fir-rigward ta' żjut tqal għajr żjut tal-gass u żjut tal-fjuwil li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament permezz ta' skarga (*brush-discharge*) elettrika ta' frekwenza għolja.

3. Għall-finijiet ta' l-intestaturi Nru ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħalma huma t-tindif, it-tferrigħ, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni ta' l-ilma, l-iffiltrar, l-għotja tal-kulur, l-immarkar, il-ksib ta' kontenut tas-sulfur bħala riżultat tat-taħlitiet ta' prodotti ma' kontenuti differenti tas-sulfur, kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili ma jagħtux l-oriġini.

[1] Ara n-Nota ta' Spjega 4(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda

Appendiċi 2

Lista tal-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġ li jrid isir fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott immanifatturat jista' jikseb status oriġinanti

Jista' jkun li mhux il-prodotti kollha msemmija fil-lista jkunu koperti b'dan ir-Regolament. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitolu 01	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba interament	
Kapitolu 02	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati għandhom ikunu miksuba interament	
Ex Kapitolu 03	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra, għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu miksuba interament	
0304	Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew friżat	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiqijiet; tħin oħxon u pritkuni tal-ħut, li jistgħu jittieklu mill-bnedmin	Manifattura fejn l-valur ta' kwalunkwe materjali tal- Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex 0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiqijiet, tħin oħxon u pritkuni tal-krustaċji, tajbin għal konsum uman	Manifattura fejn l-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex 0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi għajr krustaċji u molluski, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiqijiet, tħin oħxon u pritkuni tal-krustaċji, li jistgħu jittieklu mill-bnedmin	Manifattura fejn l-valur ta' kwalunkwe materjali fil-Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 04	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba interament	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati jew le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	Manifattura fejn: — il-materjali kollha ta' Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba interament; — kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr tal-pineapple, tal-lajm jew tal-grejpfrut) ta' l-intestatura Nru 2009 li jintuża jrid ikun diġà oriġinanti; — il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 17 li jintuża ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
ex Kapitolu 05	Prodotti li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn l-materjali kollha ta' Kapitolu 5 użati jkunu miksuba interament	
ex 0502	Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna jew ċingjali	It-tindif, id-diżinfettar, l-issortjar u l-illixxar ta' lanżit u xagħar	
Kapitolu 06	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura fejn: — il-materjali kollha ta' Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 07	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 7 użati jkunu miksuba interament	
Kapitolu 08	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	Manifattura fejn: — il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jinkiseb fis-sħiħ; — il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-valur tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 09	Kafè, te, matè u ħwawar; għajr:	Manifattura fejn l-materjali kollha ta' Kapitolu 9 użati jkunu miksuba interament	
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; għajra u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè f'xi proporzjon	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
0902	Te, kemm jekk imħawwar jew le	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 0910	Taħlitiet ta' ħwawar	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 10 użati jkunu miksuba interament	
ex Kapitolu 11	Prodotti ta' l-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn iċ-ċereali, il-veġetali li jittieklu, l-għeruq u t-tuberi ta' l-intestatura Nru 0714 jew il-frott użati għandu jinkiseb fis-sħiħ	
ex 1106	Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfin ta' l-intestatura Nru 0713	It-tnixxif jew it-tħin ta' ħxejjex leguminużi ta' l-intestatura Nru 0708	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba interament	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, raži tal-gomma u oleoreżini (per eżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' l-intestatura Nru 1301 użati ma jistgħux jaqbżu 50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
1302	Linef u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati, agar-agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:		
	– Muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati, derivati minn prodotti veġetali	Il-manifattura minn muċilaġni u materjali li jħaxxnu mhux modifikati	
	– Oħrajn	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' l-annimali u veġetali u qsim tal-prodotti tagħhom; xaħmijiet li jittieklu preparati; xema' ta' l-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura li mhijiex dik tal-prodott	
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u xaħam tat-tjur, għajr dak ta' l-intestatura Nru 0209 jew 1503:		
	– Xaħam mill-għadam jew mill-iskart	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr ta' l-intestaturi Nru 0203, 0206 jew 0207 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506	
	– Oħrajn	Il-manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer ta' l-intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur ta' l-intestatura Nru 0207	
1502	Xaħam ta' annimali ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż, għajr dawk ta' l-intestatura Nru 1503		
	– Xaħam mill-għadam jew mill-iskart	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk ta' l-intestaturi Nru 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506	
	– Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:		
	– Frazzjonijiet solidi	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inkluż materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1504	
	– Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex 1505	Lanolina raffinata	Il-manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat ta' l-intestatura Nru 1505	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3)	jew (4)
1506	Xaħmijiet u żjut oħra ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:		
	– Frazzjonijiet solidi	Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inkluż materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1506	
	– Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament	
1507 sa 1515	Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:		
	– Żejt tas-sojja, ground nut, tal-palm, tal-qalba tal-ġewż ta' l-Indi, tal-qalba tal-ġewż tal-palm, tal-babassu, tat-*tung* u ta' l-*oiticica*, xema' tar-riħana u xema' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għall-użu tekniku u industrijali għajr għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel li jistgħu jittieklu mill-bnedmin	Manifattura fejn l-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott	
	– Frazzjonijiet solidi, għajr għal dawk taż-żejt tal-ġoġoba	Il-manifattura minn materjali oħra ta' l-intestaturi Nru 1507 sa 1515	
	– Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament	
1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar	Manifattura fejn: — il-materjali kollha ta' Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali ta' l-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu; oħrajn minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' l-intestatura Nru 1516	Manifattura fejn: — il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 4 użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali ta' l-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
ex Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra; għajr:	Il-manifattura minn annimali ta' Kapitolu 1.	
1604 u 1605	Ħut preparat jew preservat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut; Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra, preparati jew preservati	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali ta' Kapitolu 3 użati ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott	
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, f'forma solida, mingħajr żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti	Manifattura fejn il-valur ta' kull materjal tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	jew	
(1)	(2)	(3)		(4)
1702	Zokkrijiet oħra, inklużi lattożju, maltożju, glokożju u fruttożju kemikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor biż-żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti, għasel artifiċjali, sew jekk imħallat u sew jekk le ma' għasel naturali jew karamellat:			
	– Maltożju u fruttożju kemikament puri	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1702		
	– Zokkrijiet oħra, f'forma solida, biż-żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti	Manifattura li fiha l-valur ta' kull materjal tal-Kapitolu 17 użat ma jaċbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott		
	– Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu jkunu diġà oriġinanti		
ex 1703	Molassa miksuba mill-estrazzjoni jew ir-raffinar taz-zokkor, mogħtija t-togħma jew il-kulur	Manifattura li fiha l-valur ta' kull materjal tal-Kapitolu 17 użat ma jaċbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott		
1704	Ħelu (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott; — il-valur ta' kull materjal tal-Kapitolu 17 użat ma jaċbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott		
Kapitolu 18	Kawkaw u preparati tal-kawkaw	Manifattura li fiha: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott; — il-valur ta' kull materjal tal-Kapitolu 17 użat ma jaċbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott		
1901	Estratt tal-malt; preparati ta' ikel tad-dqiq, lamtu jew estratt tal-malt li ma fihomx kawkaw jew għandhom inqas minn 40 % tal-piż tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, għajr speċifikati jew inklużi band'oħra; preparati ta' l-ikel ta' oġġetti ta' l-intestaturi Nru 0401 sa 0404, li ma għandux kawkaw jew li għandu inqas minn 5 % bl-użin ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi msoffi mix-xaħam totali, li m'huwiex speċifikat jew inkluż band'oħra:			
	– Estratt tal-malt	Manifattura minn ċereali tal-Kapitolu 10		
	– Oħrajn	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott		

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħra) jew ippreparat b'xi mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, noodles, lażanja, njokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparati u kemm jekk le:		
	– Li fihom 20 % tal-piż jew inqas f'laħam, skart tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn iċ-ċereali kollha u d-derivattivi (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom ikunu miksuba interament	
	– Li fihom aktar minn 20 % tal-piż f'laħam, skart tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn: — iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom ikunu miksuba interament; — il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba interament	
1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, frak, granulat, marbul jew f'forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr lamtu tal-patata ta' l-intestatura Nru 1108	
1904	Ikel ippreparat miksub miċ-ċereali minfuħa jew mixwija jew minn prodotti taċ-ċereali (per eżempju, qxur tal-qamħ); ċereali (għajr qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' granulat, jew f'forma ta' biċċiet jew granulati oħra maħduma (għajr dqiq), imsajra minn qabel, jew ippreparati b'xi mod ieħor, għajr speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: — minn materjali mhux klassifikati taħt intestatura Nru 1806; — fejn iċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu u l-qamħirrun Zea indurata) użati għandhom ikunu miksuba interament ([1]); — fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, kemm jekk jinkludu kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, kapsuli vojta tat-tip adat-tat għall-użu farmaċewtiku, sealing wejfers, karti ta' l-ostji u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk ta' Kapitolu 11	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, lewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura fejn il-frott, il-lewż u l-ħxejjex kollha użati għandhom ikunu miksuba interament	
ex 2001	Yams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti li jittieklu li jinkludu 5 % jew aktar f'piż ta' lamtu, ippreparati jew ippreservati fil-ħall jew aċidu aċetiku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott	
ex 2004 u ex 2005	Patata f'forma ta' dqiq, tħin oħxon jew qxur, ippreparata jew ippreservata għajr bil-ħall jew aċidu aċetiku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, lewż, qxur tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (imsaffija, glacé jew kristallizzati)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
2007	Ġammijiet, ġeli tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-lewż u pejsts tal-frott jew tal-lewż, li huma preparati msajra, kemm jekk fihom jew ma fihomx zokkor jew dolċifikanti oħra miżjuda	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex 2008	– Lewż, mingħajr zokkor jew spirtu miżjud	Manifattura fejn il-valur tal-lewż u ż-żejt taż-żerriegħa oriġinati ta' l-intestaturi Nru 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jaqbeż 60 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
	– Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażat fuq ċereali; qlub tal-palma; qamħirrun	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott	
	– Oħrajn għajr frott u lewż imsajjar mod ieħor milli bil-fwar jew mgħolli fl-ilma, li ma jinkludux zokkor miżjud, iffriżati	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
2009	Meraq tal-frott (inkluż il-must ta' l-għeneb) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentat u li ma fihx spirtu miżjud, kemm jekk fih u kemm jekk le zokkor jew dolċifikanti miżjuda	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 21	Preparati mixxellanji li jittieklu; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott	
2101	Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, te jew tal-maté u preparati b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te jew maté; ċikwejra nkaljata u sostituti tal-kafè nkaljati oħra, u estratti, essenzi u konċentrati tiegħu	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — Iċ-ċikwejra kollha użata għandha tkun miksuba interament	
2103	Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u ħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata:		
	– Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta	Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża dqiq jew ħin oħxon tal-mustarda jew mustarda ppreparata	
	– Dqiq u ħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 2104	Sopop u brodijiet u preparati tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr ħxejjex ippreparati jew preservati ta' l-intestaturi Nru 2002 sa 2005	

Intestatura ta' HS Nru.	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, magħmula fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti l-istatus oriġinanti	
(1)	(2)	(3)	jew (4)
2106	Preparati ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u ħall; għajr:	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun kollu miksub interament	
2202	Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet miżjuda bl-arja, biz-zokkor jew dolċifikanti oħra miżjuda jew bit-togħma, u xarbiet oħra mhux alkoħoliċi, li ma jinkludux meraq tal-frott jew ħaxix ta' l-intestatura Nru 2009	Manifattura fejn: — il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott; — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott; — kwalunkwe meraq tal-frott użat (għajr meraq tal-pineapple, xkomp u grapefruit) irid ikun diġà oriġinanti	
